# IL-BIBBJA U T-TAGĦLIM FALZ TAR-RAPIMENT

Minn
George Ebejer

# IL-BIBBJA U T-TAGĦLIM FALZ TAR-RAPIMENT ("RAPTURE")
### (L-Ewwel Parti)

## INTRODUZZJONI

L-espressjoni klassika ta' dak li b'mod komuni huwa msejjaħ ir-"Rapiment" tinsab fil-kliem spiss ikkwotat ta' Richard W. DeHaan tar-*Radio Bible Class*. Dan igħid, "F'xi jum minn dawn, żgur daqs kemm din hija l-Kelma ta' Alla, dawk li kienu talbu bil-ħniena magħkom, li wissewkom, li talbu għalikom, ikunu neqsin. Il-predikatur ikun telaq, l-omm telqet, il-mara telqet, u l-bennina tat-tarbija tkun vojta. O, x'qawmien se jkun dak. Immaġina, tqum f'xi għodwa u martek ma tkunx hemm, u inti ssejħilha, imma ma jkunx hemm tweġiba. Int tinżel isfel imma hi ma tkunx hemm. Titla' fuq għal bintek tistaqsiha fejn marret ommha, imma ebda tweġiba minnha. Bintek tkun telqet ukoll...Isfel fit-triq ikun hemm mara tiġri twerżaq kemm tiflaħ, 'Xi ħadd seraqli t-tarbija.' U f'mument it-toroq ikunu mimlija nies, jolfqu, jibku, u jokorbu fuq il-maħbubin tagħhom li ma baqgħux jidhru aktar. X'kien ġara? Il-Mulej kien ġie, bħal ħalliel bil-lejl. Hu seraq bil-kwiet lil dawk li afdaw Fih, bħal Ħenok, u ħadd ma tħalla wara biex iwissik aktar, biex jitlob jew jurik it-triq" (*What The Bible Says About The End Time*. Russell Boatman, pp. 192-193).

L-istess dottrina hija murija minn stampa mwaħħla fuq il-karrozzi fejn tgħid, "Fil-każ ta' rapiment, din il-karrozza tkun mingħajr raġel."

B'hekk qiegħed jintqal lilna lir-rapiment (kelma li l-Bibbja ma tużaha mkien) ikun miġja inviżibbli, silenzjuża u sigrieta ta' Ġesù għall-Kristjani biss, iħalli wara riżultati viżibbli ta' kaos u konfużjoni fost dawk li jibqgħu li ma jemmnux. Kif diġa għedt, it-terminu "rapiment" mhuwiex terminu wżat mill-Ispirtu s-Santu fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa! Mela aħna ma nistgħux naċċettawh bħala li huwa xi ħaġa minn Alla. Il-kelma "rapiment" hija ħierġa mil-Latin *raptus*, it-tifsira ta' l-għerq li tfisser li taħtaf jew taqbad, u għal-hekk in-nies applikaw it-terminu għall-ġrajjiet li naq-raw fl-*1 Tessalonikin 4:17*, għaliex f'dak il-vers aħna nsibu l-espressjoni, "*ninħatfu magħhom fis-sħab*."

## 1 TESSALONIKIN 4:13-18

Is-silta primarja wżata biex tappoġġja l-idea ta' "rapiment" hija s-sezzjoni minn 1 Tessalonikin 4:13-18. Iżda kif inħarsu lejn is-siltiet Skritturali, aħna nsibu kollox barra minn miġja siġrieta u silnezjuża ta' Ġesù. Naqraw hekk:

> "*Għax il-Mulej innifsu jinżel b'għajta mis-sema, mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba t'Alla: u l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel. Imbagħad aħna l-ħajj-in, u li nkunu bqajna, ninħatfu flimkien magħhom fis-sħab, biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru: u hekk inkunu dejjem mal-Mulej Għalhekk farrġu lil xulxin b'dal-kliem*" (1 Tessalonikin 4:16-19).

Hal Lindsey jikteb dwar x'kien se jgħid professur tar-reliġjon fil-klassi fil-jum tar-Rapiment: "Jien kont qiegħed ngħallem il-kors tiegħi fil-filosofija tar-reliġjon meta f'daqqa waħda tlieta mill-istudenti tiegħi ma deh-rux aktar. Dawn sempliċiment sparixxaw!" Tgħallem is-silta minn 1 Tessalonikin 4:16 miġja bħal din, silen-zjuża, misterjuża, u sigrieta tal-Mulej?

## 1 TESSALONIKIN 5:1-3

Dawk li jargumentaw għall-miġja sigrieta u silenzjuża ta' Kristu għall-Kristjani biss, jemmnu tipikament ukoll li ġrajja bħal din tiġri seba' snin qabel it-Tieni Miġja ta' Kristu, meta l-ħżiena jkunu ikkundannati. Iżda, il-kuntest ta' *1 Tessalonikin 4:13—5:3*, jargumenta li meta Ġesù jiġi, il-fidili kollha li jkunu mietu jkunu mqajma (4:14), il-Kristjani kollha li jkunu ħajjin ikunu f'daqqa, f'ħin wieħed mibdula u maħtufa magħ-hom fuq (4:17), u fl-istess ħin eżatt, il-ħżiena jkunu ikkastigati. "*Dwar il-ħin u ż-żmien, ħuti...*" (5:1), iż-żmien u l-ħin għal xhix? Ovvjament, għall-ġrajjiet li huma msemmija fil-versi ta' kapitlu 4, versi 13-18.

- Innota, il-biċċa l-kbira tan-nies li jemmnu fil-kunċett denominattiv tar-rapiment, jemmnu li l-Kristjani kol-lha jkunu mneħħija b'mod sigriet mill-art seba' snin qabel ma jiġi l-ġudizzju fuq il-ħżiena, imma l-appos-tlu Pawlu għallem li l-ġusti kienu maħtufa fis-sħab fl-istess ħin eżatt li l-qirda ġiet f'daqqa waħda fuq il-ħżiena (5:3). Innota sewwa u bil-għaqal, din il-ġrajja mhijiex it-twiddib minn qabel ta' qirda għall-ħżiena jew il-preludju ta' qirda

bħal din, imma meta din il-ġrajja tiġri, qirda attwali u reali tiġi fuq dawk li huma barra minn Kristu.

- Fil-jum li fih il-Kristjani kollha jkunu mqajma u mib-dula hu msejjaħ "*il-jum tal-Mulej*" (1 Tessalonikin 5:2). Dawk li jemmnu f'dak li huwa magħruf bħala "rapiment," jemmnu wkoll lid-dinja tibqa' għal mad-war 1007 sena wara r-rapiment. Madankollu, Alla jgħid fil-Kelma Tiegħu:

  > "*Imma bħal ħalliel bil-lejl jasal jum il-Mulej; meta s-smewwiet igħibu b'ħoss kbir, u l-elementi maħruqin jinħallu bi sħana kbira, u l-art u l-egħmejjel ukoll li fiha jinħarqu. Me-la la dawn il-ħwejjeġ kollha għand-hom idubu, jaħtieġ tgħaddu ħajja ta' qdusija u ta' tjieba, waqt li tisten-new u tħabirku għall-miġja ta' jum Alla, li bih is-smewwiet jinħarqu u jdubu, u l-elementi jinħallu bi sħana kbira*" (2 Pietru 3:10-12).

- Imbagħad hemm il-problema ta' l-espressjoni, "it-tieni miġja." Skond dawk li jħaddnu t-teorija falza tar-rapiment, Ġesù attwalment ġej it-tielet darba. L-ewwel miġja Tiegħu kienet meta Hu ġie f'din id-dinja, u mbagħad miet għal dnubietna. Imbagħad hu-ma għandhom Lilu ġej it-tieni darba fir-rapiment u mbagħad it-tielet darba wara seba' snin. F'kuntrast ma' dan, il-Bibbja sempliċiment tgħid,

  > "*Hekk Kristu kien offrut darba biex jarfa' d-dnubiet ta' ħafna; u jidher*

*għat-tieni darba, mhux biex ineħħi d-dnub, imma għas-salvazzjoni ta' dawk li jistennewh*" (Lhud 9:28).

Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk?

## "L-AĦĦAR JUM"

Skond it-teorija falza tar-rapiment, il-Kristjani mejtin kollha jkunu mqajma, imma l-qawmien tal-ħżiena ma jiġrix qabel is-sena 1007 aktar wara. F'kuntrast, il-Bibbja hija ċara ħafna li l-ħżiena u l-ġusti huma mqajma *fl-istess ħin*,

> "*La tistagħġbux b'dan: għax-tasal is-siegħa, li* ***dawk kollha*** *li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu, U joħorġu; dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażen, għal qawmien tal-kundanna*" (Ġwanni 5:28-29).

B'żieda, il-jum li fih huma mqajma l-ġusti huwa mħares biċ-ċar minn Ġesù bħala li huwa *l-aħħar* jum,

> "*U din hi r-rieda ta' Missieri li bagħatni, li ma nitlef xejn minn dak kollu li tani, imma li nqajmu fl-aħħar jum. U din hi r-rieda ta' dak li bagħtni, li kull min jara l-Iben, u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem: u jien inqajmu fl-aħħar jum...Ħadd ma jis-ta' jiġi għandi, jekk Missieri li bagħatni ma jiġbdux: u jien inqajmu fl-aħħar jum*" (Ġwanni 6:39-40, 44).

Ġesù għallem qawmien wieħed, li jinkludi lil kulħadd fit-tmiem taż-żmien li jkun l-istess jum li fih kulħadd ikun iġġudikat. Dan hu dak li jgħid Ġesù dwar dan u li ma jaqbilx mat-teoriji foloz tal-profeti u għalliema foloz moderni:

> "*Min iwarrabni, u ma jilqax kliemi, għandu wieħed li jagħmel ħaqq minnu: il-kliem li jiena għidt, dan jagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum*" (Ġwanni 12:48).

Il-mistoqsija hawn tiġi weħidha: Kemm il-"l-aħħar jum" jista' jkun hemm? Jekk huwa "l-aħħar" jum allura wara dan ma jista' jkun hemm ebda jum ieħor! Hawn għandna l-istess prinċipju ta' Alla jgħid u intom tgħidu. (Mattew 15:4, 5.) Alla jgħid li l-ġusti u l-ħżiena, *it-tnejn* flimkien ikunu mqajma *fl-aħħar jum* imma l-premillenjalisti u oħrajn ("intom") jgħidu li ma jkunux imqajma flimkien, fl-aħħar jum! Imma:

> "*jeħtieġ li nisimgħu minn Alla aktar milli mill-bnedmin*" (Atti 5:29).

Dwar l-aħħar jum, il-Kelma ta' Alla tgħidilna

> "*Tħallux 'il min iqarraq bikom, BL-EBDA MOD!*" (2 Tessalonikin 2:3.)

U aħna nafu x'jiġri jekk inħallu 'l min iqarraq bina:

> "*... għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux. Mela tissieħbu qatt magħhom*!" (Efesin 5:6-7).

## “L-AĦĦAR GĦADU—IL-MEWT”

Hemm problema oħra kbira f’li tipprova tagħmel l-idea popolari imma falza tar-rapiment li tkun taqbel mat-tagħlim ta’ l-Iskrittura Mqaddsa. L-għalliema tar-rapi-ment għandhom, il-Kristjani kollha mqajma, seba’ snin wara, in-nies kollha li kienu ikkonvertew u mietu matul il-perjodu tat-tribulazzjoni l-kbira, inluż il-fidili kollha fit-Testment il-Qadim ikunu mqajma, u mbagħad 1000 sena wara, il-ħżiena kollha jkunu mqajma. Il-problema ma’ dan hija li l-Bibbja tħares lejn il-mewt bħala li tkun mirbuħa għal kollox meta l-Kristjani jkunu mqajma, fejn naqraw fl-1 Korintin 15:23-26, 51-41,

> “*Għalhekk, meta dan il-ġisem li jit-ħassar jilbes in-nuqqas ta’ taħsir, u dan il-ġisem li jmut jilbes in-nuqqas ta’ mewt, imbagħad isseħħ il-kelma li nkitbet: Il-mewt inbelgħet fir-reb-ħa*”

Madankollu, jekk aħna nemmnu t-tagħlim falz imma popolari fuq dan is-suġġett, il-mewt ma tkun inbelgħet xejn fir-rapiment għaliex ikun għad baqa’ 1007 snin oħ-ra! Wara r-rapiment, jintqal lid-dinja tesperjenza l-akbar perjodu ta’ tbatija li qatt kien magħruf għall-bniedem li jiġi fit-tmiem għal kollox fi gwerra dinjija, imma ukoll hawn il-mewt ma tkunx ġiet mirbuħa, għax il-ħżiena kol-lha jkunu għadhom mejtin. Fil-fatt, skond għal xi wħud, it-tfal imwielda lil dawk fil-millenju (*Mattew 22:30?*) jqumu kontra Ġesù u l-ġenituri tagħhom (Rivelazzjoni 20:7-9), u Alla jwieġeb billi jeqridhom (aktar mewt, ukoll fil-millenju!) Qiegħed tara kif il-

Kelma ta' Alla jġi-buha fix-xejn il-premillenjalisti bit-tagħlim falz tagħ-hom?

Skond il-Bibbja, iżda, meta l-Kristjani jkunu mqajma, sewwasew f'dak il-jum jista' tassew jintqal li l-mewt ta-bilħaqq kienet mirbuħa għal kollox u megħluba, espress-joni bħal din titlob li lanqas ġisem wieħed biss ma jkun għadu fil-qabar u li ħadd aktar qatt ma jmut f'sens fiżiku wara din il-ġrajja. Minn dan wieħed jista' jara kemm huwa falz it-tagħlim tar-rapiment?

## "L-AĦĦAR TROMBA"

> "*...imma aħna lkoll nitbiddlu, f'waqt wieħed, f'teptipa ta' għajn, ma' l-aħħar tromba*" (1 Korintin 15:51-52).

Dan huwa l-kliem ta' l-Ispirtu s-Santu, madankollu, dawk l-għalliema foloz jippriedkaw ir-rapiment, ukoll li Rivelazzjoni kapitli sitta sa seba' jiddeskrivu s-suppost il-perjodu ta' tribulazzjoni, il-ħakma ta' seba' snin ta' terrur fuq l-art li jiġi wara r-rapiment u jiġi qabel ir-ritorn finali ta' Kristu għal l-art.

Il-problema hija li dawn il-kapitli jiddeskrivu d-daqq tas-seba' trombi. Kronoloġija bħal din ta' "l-aħħar trom-ba" tkun segwita minn seba' oħra, bħall-kelliemi li jwie-għed "punt wieħed ieħor ta' l-aħħar" u mbagħad ikompli jippriedka għal siegħa oħra b'seba' punti oħra. Fit-tnejn, fl-1 Tessalonikin 4:16 u fl-1 Korintin 15:52 l-aħħar trom-ba hija sempliċiment l-aħħar waħda, is-sinjal tar-ritorn tal-Mulej u t-tmiem taż-żmien.

## “NGĦIDILKOM MISTERU”

*“Ara, sa ngħidilkom misteru; aħna mhux ikoll norqdu, imma lkoll nit-biddlu”* (1 Korintin 15:51).

Emmen dan jekk trid, għalliema tar-rapiment, bħal Hal Lindsey, jistqarru li din is-silta qed tgħallem miġja sigrieta, silenzjuża ta’ Ġesù għall-Kristjani biss. Dwar din is-silta fil-ktieb intitolat, *The Great Planet earth*, Lin-dsey jgħid, “Raġuni oħra għaliex aħna nappoġġjaw l-idea lir-Rapiment u t-Tieni Miġja bħala ġrajjiet separati, hija lit-tieni miġja jintqal li hi viżibbli, għad-dinja kollha (Rivelazzjoni 1:7). Iżda, fir-Rapiment, il-Kristjani biss jarawh...hija misteru, sigriet. Meta l-emmiena ħajjin iku-nu meħuda, id-dinja se tkun ta’ sura, jiġifieri, ma jkunx aktar misteru!

Minn dan wieħed jista’ jara l-qerq kbir ta’ dawn l-għalliema foloz. Wieħed li jaf xi tgħid l-Iskrittura mqad-dsa dwar il-kelma “misteru” mill-ewwel jagħraf il-qerq ta’ dawn l-għalliema imma dak li jkun għadu ma jafx sewwa x’tgħid il-Kelma ta’ Alla malajr jinqabad fin-nassa ta’ dan it-tagħlim falz!

Il-misteru mhuwiex ir-rapiment imma huwa kif din il-bidla għandha ssir, għaliex qabel dan kien għadu ma ġiex mgħarraf. Iġsma tal-laħam ma jistgħux jidħlu fis-saltna tal-glorja (vers 50). Għalhekk, bidla hija meħtieġa, u l-appostlu Pawlu jkompli biex jgħid dwar din il-bidla li jagħtiha t-terminu ta’ “misteru,” xi ħaġa li tista’ tkun magħrufa biss permezz ta’ rivelazzjoni divina. Il-kxif li għalih kienet magħmula r-riferenza, u dak li jikkorres-pondi fl-1 Tessalonikin 4:15, kien

magħmul mill-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostlu Pawlu. Jekk wieħed iħalli tassew il-Kelma ta' Alla tfissirlu din il-kelma (misteru) allura jsib mill-ewwel kemm huwa falz it-tagħlim tal-Premillenjalisti dwar ir-rapiment. Ħalli naraw xi Skrit-turi fejn għandna l-kelma "misteru" u b'hekk inħallu lil l-Ispirtu s-Santu Nnifsu jagħtina t-tifsira t-tajba ta' din il-kelma.

**Rumani 11:25**,

> "*Għax ma rridx, ħuti, li ma tkunux tafu b'dan il-misteru, li ma taħsbux li intom għorrief fi ħsibijietkom;...*"

Misteru ma kienx xi ħaġa li ma tistax tkun spjegata jew mifhuma, imma xi ħaġa mhux irrivelata u mhux magħ-rufa. Wara li tkun spjegata minn raġel ispirat din ma tibqax misteru. X'kien il-misteru f'dan il-każ ta' Rumani 11:25? Kien misteru, jew sigriet, li l-ebusija kienet ġiet fuq parti mil-Lhud sakemm l-Evanġelju kien ippridkat għal kollox lill-Ġentili (v. 25b).

**Rumani 16:26-27,**

> "*Issa lil dak li għandu s-setgħa jwet-taqkom skond l-evanġelju tiegħi, u x-xandir ta' Ġesù Kristu, skond ir-rivelazzjoni tal-misteru, li nżamm moħbi sa mill-bidu tad-dinja. Imma issa mikxuf, u bil-kitba tal-profeti, skond l-ordni ta' Alla ta' dejjem im-għarraf lill-ġnus kollha, għall-ubbid-jenza tal-fidi.*"

Dawn il-versi jagħtu t-tifsira tal-kelma "misteru" huma nfushom. Ix-xandir ta' Ġesù Kristu skond ir-rivelazzjoni ta' Alla lil Pawlu tal-misteru. Misteru, kif diġa għedt aktar qabel, kien verità spiritwali li ma kinetx tista' tkun spjegata ħlief permezz ta' rivelazzjoni diretta. Imma wara li din kienet spjegata permezz ta' l-ispirazzjoni din ma baqgħetx aktar misteru. It-total tal-misteru kien iħaddan l-għaqda tal-Lhud u l-Ġentili fuq l-istess livell fi Kristu. Issa dan hu irrivelat u m'għadux aktar misteru! L-għaqda saret bejn il-Lhudi u l-Ġentili fi Kristu, imma l-Premil-lenjalisti xorta għadhom jgħallmu t-tagħlim falz li Iżrael kollu għad isalva, b'interpretazzjoni żbaljata tal-Kelma ta' Alla f'Rumani 11:26. It-tweġiba ta' dan ukoll jagħti-hilna l-Ispirtu s-Santu f'Rumani 9:6-7; 2:28-29; Galatin 3:7.

> "*Lanqas għax huma nisel Abraham, huma kollha wlied Abraham; iżda: Minn Iżakk jissemma nislek. Jiġifieri: Dawk li huma wlied il-ġisem, dawn mhumiex ulied Alla: imma wlied il-wegħda huma magħdudin bħala nisel*" (Rumani 9:6-7).

> "*Għax mhux min jidher minn barra, hu Lhudi; laqnas m'hi ċ-ċirkonċiżjoni, dik li tidher minn barra fil-ġisem: Iżda hu Lhudi, dak li hu wieħed minn ġewwa; u ċ-ċirkonċiżjoni hi dik tal-qalb, fl-ispirtu, u mhux fl-ittra; u t-tifħir tiegħu mhux tal-bnedmin, imma t'Alla*" (Rumani 2:28-29).

“*Kunu afu mela li dawk li huma tal-fidi, dawn huma wlied Abraham*” (Gal-atin 3:7).

L-Iżrael huma dawk kollha li jemmnu u jaċċettaw lil Ġesù Kristu bħala l-Messija tagħhom.

**Efesin 1:9,**

“*Billi għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu, skond l-intenzjoni tajba tiegħu li għoġbu jagħmel minn qabel fih stess.*”

Lil l-appostlu Pawlu kienet mogħtiija r-rivelazzjoni tal-misteru l-kbir. Għaxar darbiet huwa msemmi dan il-mis-teru fl-ittri tiegħu. Meta kien fil-ħabs f’Ruma, hu ħeġġeġ lil l-aħwa biex jitolbu fejn naqraw f’Efesin 6:19-20,

“*U għalija, biex tingħatali l-kelma, ħalli nkun nista’ nitkellem bla biża’, biex ngħarraf il-misteru ta’ l-evanġelju. Li tiegħu jien ambaxxatur marbut bil-ktajjen: biex nitkellem bla biża’, kif jaħtieġli nitkellem.*”

Kien misteru irrivelat, li kien:

“*Il-misteru moħbi miż-żminijiet u l-ġenerazzjonijiet, iżda li issa kien imgħarraf lill-qaddisin tiegħu* (Kolossin 1:26).

Il-misteru ta’ l-Evanġelju li Pawlu għarraf kien ħaġa kbira u li jdaħħal, iħaddan Lhud u Ġentili, sema u art, fl-

iżvilupp sħiħ u gradwali tiegħu. Xi drabi dan jidher bħal-likieku kien ifisser biss Kristu:

> "*Li lilhom Alla ried igħarraf x'inhu l-għana tal-glorja ta' dal-misteru fost il-Ġentili; li hu Kristu fikom, it-tama tal-glorja*" (Kolossin 1: 27).

Xi drabi dan jidher bħallikieku dan ma nkluda xejn ħlief id-dħul tal-Ġentili fil-knisja fuq kondizzjonijiet ta' egwa-lità perfetta mal-Lhud:

> "*Li bihom, meta taqraw, tistgħu tifħ-mu x'naf jien mill-misteru ta' Kristu, li fiż-żminijiet imgħoddija ma kienx imgħarraf lil ulied il-bniedem, bħal-ma hu irrivelat issa bl-Ispirtu lill-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti; Biex il-Ġentili jkunu sħab fil-wirt, u mill-istess ġisem, u jaqsmu fil-wegħ-da tiegħu fi Kristu permezz ta' l-eva-nġelju*" (Efesin 3:4-6).

Il-misteru qatt ma kien irrivelat qabel il-jum ta' Pente-koste wara l-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet fejn neħħa għal kollox il-liġi ta' Mosè. Dan, mela, għandu jkun biżżejjed għalina biex naraw kemm huwa falz u ta' ingann it-tagħlim li 1 Korintin 15:51 qiegħed jgħallem miġja sigrieta u silenzjuża ta' Kristu. Dak mhwiex il-misteru, il-misteru huwa li:

> "*Mhux ilkoll immutu, imma lkoll ni-tbiddlu, f'waqt wieħed, f'teptipa ta' għajn ma' l-aħħar tromba, u l-mejtin*

*iqumu biex ma jitħassrux aktar, u aħna nitbiddlu...*" (1 Korintin 15:51-58).

## "BĦAL ĦALLIEL BIL-LEJL"

Il-problema li tagħmel il-ġrajjiet ta' l-1 Tessalonikin 4:13-17 jirreferu għall-miġja sigrieta u silenzjuża għall-Kristjani biss, hija li ladarba dan jiġi, dawk kollha li kienu qegħdin jisimgħu għal predikar denominattiv fit-tmiem ikunu jafu eżattament meta Ġesù għandu jerġa' jiġi, jiġifieri, f'seba' snin. Skond din it-teroija falza, meta jiġri r-rapiment, id-dinja tista' faċilment tkun taf meta Ġesù se jerġa' jiġi. Għalhekk, kif tista' t-tieni miġja, skond din it-teorija, tkun bħal ħalliel bil-lejl?

Nagħlaq din il-parti b'żewġ siltiet mill-Iskrittura Mqaddsa:

**Mattew 24:24,**

"*Għax iqumu Kristijiet foloz, u profeti foloz, u juru sinjali kbar u egħġubijiet; biex, jekk jista' jkun, iqarrqu bil-maħturin ukoll.*"

Għalhekk għandna nagħtu widen għat-twissija ispirata:

**2 Tessalonikin 2:3,**

"*Tħallux 'il min iqarraq bikom* ***b'ebda mod!***"

## "IR-RAPIMENT"
## (It-tieni parti)

Għalkemm mexxejja reliġjużi jitkellmu dwar ir-Rapiment, milljuni jibqgħu mħawda b'din il-frażi. Attwalment, il-kelma "rapiment" ma teżistix fil-Bibbja; it-tagħ-lim dwar ir-rapiment huwa kontra t-tagħlim tal-Bibbja.

> Bir-Rapiment huwa mfisser il-miġja għal għarrieda possibbilment sigrieta ta' Kristu fl-ajru biex jaħtaf minn fuq l-art l-iġsma mqajma ta' dawk li kienu mietu fil-fidi u magħhom lill-qaddisin ħajjin. (Robert Strong, *The Presbyterian Guardia*).

Iżda, skond Rivelazzjoni 1:7, kull għajn tara lill-Mulej meta jiġi—ukoll dawk ħżiena li nifdu ġenbejh! Isma' x'qal Ġwanni b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu:

> "*Ara, ġej mas-sħab; u tarah kull għajn, u dawk ukoll li nifduh: u jixhru minhabba fih it-tribujiet kollha ta' l-art. Iva, Amen.*"

Xejn dwar din il-ħaġa ma jkun sigriet! Ukoll, kif jafferma 1 Tessalonikin 4:16, ikun hemm ħafna ħsejjes biex iħabbru l-miġja tal-Mulej!

Għalliema u profeti foloz iħabbru li l-perjodu tar-Rapi-ment hu ta' seba' snin tul. Matul dan iż-żmien il-qaddisin għandhom ikunu fil-paċi waqt li l-midinba jinsabu fi tribulazzjoni kbira fuq l-art. Għal kuntrarju, il-

Mulej għallem f'żewġ parabboli ta' Mattew 13 li ma jkun hemm ebda separazzjoni tat-tajjeb u l-ħażin qabel it-tmiem tad-dinja. Ġesù qal hekk:

> "*Parabbola oħra ġibilhom, u qal: Is-saltna tas-smewwiet tixbaħ bniedem li żara' żerriegħa tajba fil-għalqa tiegħu: Iżda huma u reqdin in-nies, ġie l-għadu tiegħu u żara' s-sikrana qalb il-qamħ, u telaq. Iżda meta nibet il-ħaxix, u għamel il-frott, imbagħad dehret ukoll is-sikrana. Għalhekk il-qaddejja ta' sid id-dar ġew u qalulu: Sinjur, mhux żerrie-għa tajba żrajt fil-għalqa tiegħek? Minn fejn mela għandha s-sikrana? Qalil-hom: Għadu għamel dan. Il-qaddejja qalulu: Tridx mela mmorru u niġbruha? Iżda hu qalilhom: Le; għax għandu mnejn intom u tiġbru s-sikrana tiġbdu wkoll il-qamħ magħha. Ħalluhom it-tnejn flimkien jikbru sal-ħsad; u fi żmien il-ħsad ngħid lill-ħassada: Iġbru l-ewwel is-sikrana, u orbtuha f'qatet biex taħarquha: iżda iġbru l-qamħ fil-maħżen tiegħi.*" (Mattew 13:24-30.)

Issa, innota kif **Ġesù jinterpreta l-kliem Tiegħu stess:**

> "*Imbagħad Ġesù bagħat il-ġmiegħi tan-nies, u daħal id-dar; u d-dixxipli tiegħu resqu lejh, u qalu: Fissrilna l-parabbola tas-sikrana tal-għalqa. Wieġeb u qalil-*

*hom: Dak li jiżra' ż-żerriegħa t-tajba hu Bin il-bniedem; Il-għalqa hija d-dinja; u ż-żerriegħa t-tajba huma wlied is-saltna; imma s-sikrana huma wlied il-ħażin; Il-għadu li żeragħhom hu x-xitan; il-ħsad hu t-tmiem tad-dinja; u l-ħassada huma l-anġli. Mela bħalma s-sikrana tinġabar u tinħaraq fin-nar; hekk ikun fit-tmiem ta' did-dinja. Bin il-bniedem jibgħat l-anġli tiegħu, u jiġbru mis-saltna tiegħu l-ħwejjeġ koll-ha li jfixklu, u dawk li jagħmlu l-ħażen; U jitfagħhom fil-forn tan-nar; hemm ikun hemm il-biki u tgħażgħiż tas-snien. Imbagħad in-nies sewwa jiddu bħax-xemx fis-saltna ta' Missierhom. Min għandu widnejn biex jisma', ħa jisma.'*" (Mattew 13:36-43).

"*Ukoll, is-saltna tas-smewwiet tixbaħ lil xibka, li tnizzlet fil-baħar, u ġabret minn kull xorta: Li, meta mtliet, ġibdu-ha x-xatt; u qagħdu bilqiegħda, u ġabru t-tajbin fil-kannestri, iżda l-ħżiena rme-whom. Hekk jiġri fit-tmiem tad-dinja; joħorġu l-anġli, u jifirdu l-ħżiena minn fost it-tajbin. U jitfgħuhom fil-forn tan-nar: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien*" (Mattew 13:47-50

Bosta punti għandhom ikunu mingħajr argument minn dawn il-porzjonijiet qaddisa, infallibbli, u ispirati mill-Kelma ta' Alla:

- Is-saltna tibda fiż-żmien ta' Ġesù billi huwa Hu li jiżra' ż-żerriegħa t-tajba.
- Iż-żerriegħa kollha tajba u ħażina (nies salvi u dawk mhux salvi) jibqgħu fid-dinja sal-"ħsad" li huwa "t-tmiem tad-dinja."
- L-EWWEL li għandhom ikunu meħuda barra mid-dinja fil-ħin tal-ħsad huma s-SIKRANA: "Iġbru L-EWWEL is-sikrana" (Mattew 13:30).
- Billi ż-żmien hawn huwa "t-tmiem tad-dinja" ovvjament ma hemm ebda żmien ta' 1000 sena li jibqa' wara l-ħsad.
- U billi ż-żerriegħa t-tajba u l-ħażina KOLLHA jibqgħu matul iż-żmien mill-bidu meta Ġesù l-ewwel ji-żra' ż-żerriegħa sat-tmiem tad-dinja meta jkun hemm il-ħsad u s-SIKRANA huma mneħħija L-EWWEL mid-dinja, l-idea ta' "rapiment" tal-Kristjani qabel it-"Tribulazzjoni l-Kbira" fuq dawk li ma jemmnux segwita b'saltna ta' 1000 sena MA HIJA BIBLIKA XEJN!!!!
- Il-ġbir tal-ħut kien kemm tat-tajbin u kemm tal-ħżiena, t-tnejn fl-istess ħin (v. 48).
- Kif sar mill-ħut, "**hekk jiġri** fl-aħħar tad-dinja) jew taż-żmien; v. 49)
- X'jiġri fl-aħħar tad-dinja: "Jinfirdu *l-ħżiena minn fost it-tajbin*" u mhux jinħatfu t-tajbin u l-ħżiena jibqgħu fuq l-art għal seba' snin ta' tribulazzjoni!

- Wara dan ma hemm ebda elf sena fuq l-art imma l-ħżiena jkunu "mitfgħuha fil-forn tan-nar."

Kemm hu differenti kliem il-Mulej minn dak tal-premillenjalisti!

Wieħed għandu jaqra bil-għaqal l-istejjer tas-sikrana u tax-xibka tal-ħut f'Mattew 13:24-30, 36-43, 47-50. Is-Salvatur tagħna enfasizza lit-tajbin u l-ħżiena jgħammru flimkien sakemm ikunu mifruda għal l-eternità kollha jew fis-Smewwiet jew fl-Infern. Fi Ġwanni 6 Kristu rrefera erba' darbiet għal l-aħħar jum (versi 39, 40, 44, 54). Aktar qabel, fi Ġwanni 5:28-29, Ġesù wiegħed li dawk kollha li huma fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu *fl-istess ħin* biex jirċievu l-ġudizzju. Ikun hemm biss qawmien *wieħed*—magħmul kemm mit-tajbin u kemm mill-ħżiena. Dwar dan naqraw f'Atti 24:15, fejn Pawlu tkellem dwar it-tama tiegħu,

> "*U għandi tama f'Alla, li huma wkoll għandhom, li għad ikun hemm qawma mill-imwiet, sew għat-tajbin, u kemm għall-ħżiena.*"

Hawn jintqal ċar li se jkun hemm **qawma waħda biss** sew għat-**tajbin** u kemm għall-**ħżiena**. Dan jaqbel perfettament mal-parabboli li għadna kif qrajna minn Mattew 13 u ma dak li qal il-Mulej fi Ġwanni 6:39, 40, 44, 54 u 5:28-29, imma ma jaqbel bl-ebda mod mat-tagħlim falz tal-premillenjalisti!

Fl-Ewwel Tessalonikin 4:13-17 l-Ispirtu s-Santu, permezz ta' l-appostlu Pawlu ddiskuta speċifikament x'kellu jiġri mill-qaddisin—kemm mejtin u kemm ħajjin—meta jiġi l-Feddej. Sewwasew fil-paġna li jmiss

fil-Bibbja tie-għi, fit-Tieni Tessalonikin 1:4-10, l-istess appostlu, sew-wasew fuq l-istess suġġett tal-miġja ta' Kristu, lil udjen-za identika—il-knisja ta' Tessalonika—jinfurmana li *meta* (avverbju ta' żmien) l-Mulej jiġi, Hu jkun ammirat mill-qaddisin waqt li l-ħżiena jkunu maħkuma bil-korla ta' Alla! Ebda post jew żmien ma kienu mwarrba fil-ġenb għal l-hekk imsejjaħ Rapiment. L-Ispirtu s-Santu jgħidilna f'Lhud 9:27-28,

> "*U bħalma hu maqtugħ għall-bnedmin li jmutu darba biss, iżda wara dan isir il-ħaqq; Hekk Kristu kien offrut darba biex jarfa' d-dnubiet ta' ħafna; u jidher għat-tieni darba, mhux biex ineħħi d-dnub, imma għas-salvazzjoni ta' dawk li jistennewh.*"

Ċertament li ma hemm ebda lok għaż-żmien ta' Rapi-ment!

F'Efesin 4:4 aħna nitgħallmu li hemm biss tama waħ-da biss fil-Kristjaneżmu—mhux tnejn jew tlieta, imma biss **waħda**! Xi nies jittamaw għal "art igglorifikata ta' Alla," waqt li oħrajn jantiċipaw bil-ħerqa r-Rapiment. Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, nittamaw għas-*Smewwiet*—il-Qaddis tal-Qaddisin (Lhud 6:19-20).

Fl-Ewwel Timtoju 6:13-14 u fit-Tieni Timotju 4:8, aħna nsibu tagħlim li jgħaqqad il-qawmien tal-mejtin, il-premju tal-qaddisin, u d-dehra glorjuża ta' Kristu (Titu 2: 13). Dawn kollha jiġru *fl-istess ħin* (1 Korintin 15:52).

Fil-passaġġ li jiġi mmedjatament wara, it-test prinċipali wżat mill-għalliema foloz, 1 Tessalonikin 5:2, aħna naqraw kliem qawwi li jgħallem għal dejjem li l-ġusti ma jkunux meħuda qabel il-Jum tal-Ħaqq (Speċjalment innota 1 Tessalonikin 5:3, 4, 10). Pjuttost, huma jkunu preżenti mal-ħżiena saż-żmien meta l-ħżiena jirċievu l-kastig. Fl-istess ħin il-ġusti jirċievu l-premju tagħhom.

L-Evanġelju għandu jkun ippridkat minn ulied Alla sat-tmiem tad-dinja (Mattew 28:20), imma dan ikun impossibbli jekk il-qaddisin ikunu rrapinati għal seba' snin qabel it-tmiem tad-dinja! Hemm sewwasew wisq proble-mi b'tagħlim falz bħal dan għalina l-Kristjani biex naċ-ċettawh. Ara jaqbilx dan it-tagħlim mat-tagħlim ta' Ġesù fejn Hu qal bi kliem l-aktar ċar li Hu se jqajjem lil dawk li jemmnu Fih *fl-aħħar jum* (Ġwanni 6:39, 40, 44, 54). Biċ-ċar, skond il-Mulej, ma jista' jkun hemm ebda jiem oħra wara *l-aħħar jum*! Imma sewwa qal il-Mulej meta qal li "Alla jgħid u intom tgħidu" (Mattew 15:4-5).

F'jum minn dawn—jum magħruf biss minn Alla—(Mattew 24:36), it-tmiem tad-dinja jiġi. Dawk biss li jgħixu u jmutu fi Kristu (ara Ġwanni 8:21; Rivelazzjoni 14:13) ikunu ippreparati u b'hekk ikunu jistgħu jieqfu (Rivelazzjoni 6:17). Xi traġedja tkun li ma tkunx ippreparat u ma tkunx tista' tkanta l-għanja sabiħa tal-fidwa!

## IR-RAPIMENT U T-TRIBULAZZJONI
## (It-Tielet Parti)

Li nikteb dwar x'tgħid il-Bibbja dwar it-tieni miġja ta' Kristu, ħaġa bħal din kienet tkun biċċa xogħol relattiva-ment faċli. Imma biex nipprepara studju fuq "ir-rapiment u t-tribulazzjoni" joħloq problema aktar diffiċli għal stu-dent ta' l-Iskrittura billi l-Bibbja m'għandha assoluta-ment xejn xi tgħid dwar ir-rapiment u t-tribulazzjoni! Raġuni waħda li aħna l-Kristjani, membri tal-knisja ta' Kristu nafu ftit wisq dwar ir-rapiment u t-tribulazzjoni hija li l-Bibbja ma tgħid xejn dwar dawn il-ħwejjeġ. Il-motto tagħna huwa li "Aħna nitkellmu fejn il-Bibbja titkellem u nibqgħu siekta fejn il-Bibbja hija siekta" u dwar dawn il-ħwejjeġ il-Bibbja hija siekta. Madankollu, kif wieħed ikun qiegħed "biex jddefendi l-evanġelju" (Filippin 1:17), allura ssir ir-responsabbiltà tiegħi li nagħ-raf id-dottrini foloz u mhux Bibliċi tal-bnedmin u nuri rifjutazzjoni ċara, u Skritturali tagħhom.

Kif inhu l-każ mal-programm permillenjali kollu, l-ispekulazzjonijiet tar-rapiment u t-tribulazzjoni huma tal-bnedmin, u mhux ta' Alla. Kif diġà tennejt aktar

qabel, il-kelma "rapiment" (fl-Ingliż hija "rapture") imkien ma tidher fil-Bibbja. Imma li tisma' xi predikaturi denomin-attivi, wieħed jista' jaħseb li din hija xi suġġett tal-Bibbja ta' "viżibbiltà għolja." Il-kelma "rapiment" kif imfissra mid-dizzjunarju tfisser, "1. L-istat li tkun meħud b'emoz-zjoni qawwija; estasi; 2. espressjoni ta' sentimenti esta-tiċi; 3. (rari) it-trasportazzjoni ta' persuna minn post għal l-ieħor, speċjalment lejn is-smewwiet" (*The American Heritage Dictionary of the English Language*). Fid-dizzjunarju tal-Malti, id-definizzjoni hija din: **Rapiment**: 1. (i) estasi, (ii) fjura ta' entużjażmu; entużjażma ruħu fuq xi ħaġa/xi ħadd; ntilef wara xi ħaġa/xi ħadd; tilef għaqlu wara xi ħaġa/xi ħadd; 2. ittrasporta bniedem minn post għal ieħor. (*Dizzjunarju Ingliż – Malti*, Joseph Aquilina). Hija f'dan l-aħħar sens li dawk li jemmnu f'rapiment jużaw il-kelma.

Id-dottrina ta' rapiment hija mibnija fuq għarfien żbaljat u applikazzjoni ħażina ta' bosta passaġġi ta' l-Iskrittura, inkluż 1 Tessalonikin 4:13-17 u 1 Korintin 15: 51-57. Dawn il-passaġġi qegħdin jiddiskutu l-unika tieni miġja ta' Kristu u xejn aktar. Huma la jgħidu u lanqas jimplikaw xi ħaġa dwar miġja ta' Kristu "sigrieta" jew "inviżibbli" biex "jagħmel rapiment" tal-knisja Tiegħu la qabel, matul, jew wara żmien allegat ta' tribulazzjoni.

Kuntrarju għat-tagħlim Bibliku li jikkonċerna s-saltna ta' Kristu, jintqal mill-premillenjalisti li Kristu għandu jerġa' jiġi fid-dinja, iwaqqaf saltna tad-dinja, u jsaltan għal 1000 sena letterali. Skond huma, qabel ma jiġri dan ikun hemm perjodu ta' "tribulazzjoni kbira," żmien tat-

tiswib tal-korla ta' Alla. It-"tribulazzjoni," kif jgħidu huma, iddum għal seba' snin.

## IT-TEORIJA PREMILLENNJALI

Huwa f'dan il-punt, iżda, li dawk li jemmnu fir-rapiment jibdew ma jaqblux bejniethom. Skond għal hekk imsejħa "*pre-tribulation* rapturists", il-knisja (Kristjani) tkun "maħtufa" *qabel* ma l-allegata tribulazzjoni tibda. Għalhekk, skond din il-veduta, il-Kristjani ma jgħaddux mit-tribulazzjoni.

L-hekk imsejħa "*mid-tribulation* rapturists" jemmnu lir-rapiment ma jiġrix qabel mat-tliet snin u nofs tat-tribulazzjoni jkunu għaddew. L-aħħar nofs tal-perjodu tat-tribulazzjoni, fl-iskema tagħhom tal-ħwejjeġ, huwa "t-tribulazzjoni l-kbira." Skond din il-veduta, il-knisja tesperjenza l-ewwel nofs tat-tribulazzjoni imma mhux l-aħħar nofs. "F'nofs iż-żmien" il-knisja tmur u tinqafel fil-kamra (vija r-rapiment) u ma jkollix toħroġ matul "it-tieni nofs" u tiffaċċja t-tribulazzjoni l-kbira!

L-hekk imsejħa "*post-tribulation* proponents" (dawk li jipproponu tribulazzjoni wara) jistqarru lir-rapiment ma jsirx qabel it-tmiem (għalhekk, wara/post) tat-tribulazz-joni. Skond din il-veduta, il-knisja tkun fuq l-art matul il-perjodu kollu tat-tribulazzjoni, imma jkollha protezzjoni sopranturali minnha, l-istess kif il-Lhud kienu mħarsa mill-kastigi fl-Eġittu.

It-teorija hekk imsejħa "partial rapture" tistqarr li dawk il-qaddisin biss li huma denji jkunu maħtufa qabel mal-korla ta' Alla tkun imsawba, waqt li dawk il-Kristja-ni li ma kinux fidili jkollhom jibqgħu fuq l-art u jissap-portu t-tribulazzjoni.

Il-Bibbja tabilħaqq titkellem dwar in-nies ta' Alla li jkunu suġġetti għal inkwiet u tribulazzjonijiet ta' dive-rsi kwalitajiet, imma l-kuntest tal-passaġġ partikulari dejjem jidentifika n-natura tat-tribulazzjoni. Passaġ wieħed użat minn dawk li jemmnu fir-"rapiment u tribulazzjoni" huwa Ġeremija 30:7. Dan il-passaġġ jgħid,

> "*Jaħasra! għax kbir hu dak il-jum, u xejn m'hemm bħalu: hu żmien id-diqa ta' Ġakobb; iżda hu jeħles minnha.*"

"Id-diqa ta' Ġakobb" tirreferi għal jasar ta' Ġuda f'Babel li beda fis-sena 605 Q.K. "Hu jeħles minnha" tirreferi mhux għal xi "rapiment" maħsub, imma għar-ritorn ta' Ġuda mill-jasar ta' Babel li beda jsir fis-sena 536 Q.K. taħt it-tmexxija ta' Żerubbabel. F'passaġġ aktar qabel, Ġeremija għamel dan perfettament ċar:

> "*Għax hekk jgħid il-Mulej: Wara li jkunu għaddew sebgħin sena fuq Ba-bel, jien inżurkom, u nagħmel li sseħħ kelmti t-tajba magħkom, billi nreġġa-għkom lura fejn dan il-post [Ġerusa-lem]*" (Ġeremija 29:10).

Għalhekk, Ġeremija 30:7 m'għandha x'taqsam xejn ma tribulazzjoni mad-dinja kollha, imma pjuttost mal-jasar ta' Ġuda f'Babel. Li tkun "meħlus minnha" (Ġeremija

307b) m'għandu x'jaqsam xejn ma' rapiment, imma pjuttost mar-ritorn ta' Ġuda minn Babel għal Ġerusalem.

## KUNTEST BIBLIKU

Wieħed mill-iżbalji kolossali tal-premillenjaliżmu kif ukoll ta' l-"interpreti tal-profezija" taż-żmien modern huwa n-nuqqas tagħhom li jagħrfu l-ordni tal-linja taż-żmien tat-Testment il-Qadim. Għalkemm il-kotba ta' Es-dra u Neħemija jidhru fit-Testment il-Qadim tagħna *qabel* il-kotba tal-profeti, il-ġrajjiet ta' Esdra u Neħemija ġraw *wara* l-profeti. Dawk il-profeziji li jitkellmu dwar ritorn tal-Lhud għall-Palestina kollha kienu mlissna *qabel* jew *matul* il-jasar ta' Babel. L-istess, dawn huma kollha mwettqa fir-ritorn ta' Ġuda għal Ġerusalem mill-jasar ta' Babel. Dawn m'għandhom assolutament xejn x'jaqsmu mar-ritorn tal-Lhud fil-Palestina fit-tieni miġja ta' Kristu. Kif il-qawl ermenewtiku l-antik b'mod korrett jgħid, "Test maħruġ barra mill-kuntest tiegħu huwa pretest."

Passaġġ ieħor ta' dawk li jgħallmu t-teorija "tar-rapiment u tribulazzjoni" huwa Mattew 24:21. Dan il-vers jgħid,

> "*Għax imbagħad ikun hemm niket kbir, li bħalu ma kienx mill-bidu tad-dinja s'issa, le, lanqas ikun hemm.*"

Imma skond Ġesù f'vers 34 ta' dan l-istess kapitlu, l-ist-qarrija f'vers 21 kienet imwettqa "f'dik il-ġenerazzjoni." Din kienet, fil-fatt, imwettqa fis-sena 70 W.K. fil-qirda ta' Ġerusalem u t-tempju tagħha mir-

Rumani. Ma hemm ebda lok f'dan il-passaġġ għal tribulazzjoni dinjija qabel it-tmiem taż-żmien.

Għoxrin darba fit-Testment il-Ġdid Kristu u l-appostli wżaw il-kliem "tribulazzjoni" biex jiddeskrivu tiġrib, tbatijiet, u persekuzzjonijiet li l-Kristjani kellhom ibatu f'din il-ħajja. Imma QATT ma Kristu jew xi ħadd mill-appostli Tiegħu ma tkellmu dwar "rapiment" biex ineħħi lin-nies ta' Alla minn dawn it-tbatijiet! Pawlu kiteb,

> "*Iva, u dawk kollha li jridu jgħixu taj-jeb fi Kristu Ġesù jbatu l-persekuzz-joni*" (2 Timotju 3:12).

Lill-qaddisin ta' Smirni li kienu jinsabu fi stat ta' miżerja fit-tribulazzjoni li kienu jinsabu fiha Ġesù qal,

> "*La tibża' xejn minn dawk il-ħwejjeġ li għandek issofri; ara, ix-xitan sa jitfa' lil x'uħud minnkom il-ħabs, biex tkunu mġarrbin; u tbatu tribulazzjoni għal għaxart ijiem*" (Rivelazzjoni 2:10).

Wiegħed Ġesù lil dawn id-dixxipli Tiegħu "rapi-ment"? Le! Minflok, Hu qalilhom,

> "*kun fidil sal-mewt, u nagħtik il-kuruna tal-ħajja*" (Rivelazzjoni 2:10b).

It-teorija tat-"tribulazzjoni" kif mgħallma mill-pre-millenjalisti hija meħuda minn interpretazzjoni falza tal-profezija tas-"sebgħin ġimgħa" ta' Danjel li tinsab f'Danjel 9:20-27, speċjalment vers 27. Skond il-mill-enjalisti, "it-tribulazzjoni" bħala suppożizzjoni tinvol-vi ġudizzju fuq id-dinja, persekuzzjoni ta' Iżrael, il-

konverżjoni ta' folol kbar, u l-qawmien u d-dominju ta' l-Antikrist. "It-tribulazzjoni," skond dawk li jippro-ponuha, tispiċċa bil-ġbir tal-ġnus għall-battalja ta' Ar-mageddon u r-ritorn ta' Kristu biex iwaqqaf is-saltna Tiegħu bil-kapitali tagħha f'Ġerusalem.

Biex jakkomodaw it-tagħlim tagħhom tar-"rapiment u t-tribulazzjoni," il-premillenjalisti għandhom jagħm-lu lok għal żewġ "tieni miġjiet" ta' Kristu—waħda (inviżibbli, ħlief għall-qaddisin) qabel, wara, jew ma-tul "it-tribulazzjoni," u l-oħra (viżibbli) biex iwaqqaf is-saltna Tiegħu f'Ġerusalem. Il-premillenjalisti għan-dhom ukoll jagħmlu lok għal żewġ reżurrezzjonijiet—waħda, ir-reżurezzjoni tal-ġusti fir-"rapiment" (inkluż il-mejtin fi Kristu u l-qaddisin tat-Testment il-Qadim), u, t-tieni, ir-reżurezzjoni tal-kumplament tal-bnedmin fit-tmiem ta' l-hekk imsejħa ħakma millenjali ta' Kristu.

F'kuntrast għal dawn it-teoriji tad-daħk, il-Bibbja tgħid,

> "*Ara, ġej mas-sħab; u tarah kull għajn, u dawk ukoll li nifduh: u jixhru minħa-bba fih it-tribujiet kollha ta' l-art. Iva. Amen*" (Rivelazzjoni 1:7).

Il-Bibbja tgħid ukoll,

> "*La tistagħġbux b'dan: għax tasal is-siegħa, li dawk kollha li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu. U joħorġu; dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-*

*ħażen, għall-qawmien tal-kundanna*" (Ġwanni 5:28-29).

Wieħed għandu jinnota hawn li skond Ġesù Kristu l-ġusti u l-ħżiena jkunu mqajma fl-istess siegħa/ħin—mhux elf sena mifrudin minn xulxin!

Hemm pasaġġi bħal 1 Tessalonikin 4:13-17 u 1 Korintin 15:51-57 li jitkellmu biss dwar l-istat tal-ġusti wara t-tieni miġja ta' Kristu u l-qawmien tal-mejtin. Dawn il-passaġġi kienu ndirizzati lill-Kristjani biex jagħtuhom tama, u biex jinkoraġġuhom ħalli jgħixu ħajja fidila, jkunu jafu li l-premju etern tagħhom ikun għal min hu hekk. Il-fatt li l-istat tal-ħżiena mhuwiex indirizzat f'dawn il-passaġġi partikulari ma jfissirx li l-ħżiena mhumiex inklużi fi u affettwati bit-tieni miġja waħda ta' Kristu u l-qawma waħda tal-mejtin kollha! It-Tieni Tessalonikin 1:6-10 juri li meta Kristu jiġi, it-tnejn, il-ġusti u l-ħżiena jkunu ttrattati—il-ġusti jkunu mogħtija "mistrieħ" (v. 7), waqt dawk li:

> "*ma jagħrfux 'l Alla , u li ma jisimgħux mill-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu: li jitħallsu bit-telfien ta' dejjem minn qu-ddiem wiċċ il-Mulej, u mill-glorja tas-setgħa tiegħu*" (versi 8, 9).

Għandu jkun innutat bil-għaqal li l-Ewwel Tessalonikin 4:17 (wieħed mill-passaġġi mħassra minn dawk li jgħallmu r-rapiment) *ma jgħidx* li l-qaddisin (Kristjani) jkunu maqbuda 'l fuq biex jiltaqgħu mal-Mulej

fl-ajru "u hemm aħna nkunu miegħu għal seba' snin." Dan jgħid,

"*u hekk inkunu* ***dejjem*** *mal-Mulej*"

L-opinjonijiet tal-premillenjaliżmu, inkluż id-dottrina tiegħu tar-"rapiment u t-tribulazzjoni," huma mingħajr sisien Bibliċi. Dawn huma l-ispekulazzjonijiet tal-bnedmin. Fid-dawl ta' ħwejjeġ bħal dawn, aħna għandna nagħtu widen għal din it-twissija:

> "*Ishru, żommu sħiħ fil-fidi, kunu qalbiena, saħħu ruħkom ilkoll*" (1 Korintin 16:13).

## HUWA R-RAPIMENT QABEL IT-TRIBULAZZJONI BIBLIKU?

Wieħed mill-aktar tagħlim popolari llum fi knejjes Evanġeliċi u Kariżmatiċi hija d-dottrina ta' rapiment qabel it-tribulazzjoni, imsejjaħ "Pretribulation rapture" li jiena sejjer insejjaħlu fl-istudju tagħna rapiment Pre-tribulazzjonista. It-tagħlim ta' rapiment qabel it-tribu-lazzjoni huwa li hemm żewġ miġjiet separati ta' Kristu. L-ewwel miġja hija sigrieta u tiġri qabel it-trib-ulazzjoni futura ta' seba'snin. F'din il-miġja Ġesù jiġi *għall*-qaddisin (jiġifieri, l-emmiena ġenwini kollha) kemm dawk li jkunu qed jgħixu kif ukoll dawk mejtin. Dawn il-qaddisin jiltaqgħu mal-Mulej fl-ajru u mbagħ-ad ikunu meħuda fis-smewwiet biex jeħilsu l-ġudizzji orribbli li jsiru matul it-tribulazzjoni ta' seba' snin. Fit-tmiem tat-tribulazzjoni l-kbira Ġesù jiġi lura fl-art *mal*-qaddisin. Din il-miġja mhijiex sigrieta imma hija osservata minn kulħadd.

F'din il-miġja Kristu jfarrak l-oppożizzjoni Tiegħu, jiġgudika l-umanità u jqiegħed ħakma ta' elf sena ta' qaddisin fuq l-art (il-millennju). Xi difensuri pretribulazzjonisti jitkellmu dwar żewġ miġjiet separati waqt li oħrajn jippreferu li jitkellmu dwar miġja waħda f'żewġ stadji jew fażijiet separati (l-ewwel fażi hija r-rapiment sigriet u t-tieni fażi hija l-miġja viżibbli fil-ġudizzju). Hal Lindsey jħobb li jippreferi għar-rapiment bħala "ħatfa l-kbira" ("the great snatch"). Hu jikteb: "Il-kelma għal 'maqbud 'il fuq' attwalment tfisser li 'taħtaf 'il fuq,' u dan hu għaliex jiena nħobb insejjaħ din il-ġrajja meraviljuża tal-miġja 'Il-Ħatfa l-Kbira'! Din normalment hija rriferuta bħala r-'Rapiment,' mill-kelma Latina *rapere*, li tfisser li 'tneħħi' jew 'taħtaf 'il barra.'"[1]

Għalkemm id-dottrina tar-rapiment qabel it-tribulazzjoni hija popolari ħafna u saħansitra hija ikkonsidrata tant kruċjali għall-Kristjaneżmu li din hija magħmula bħala test tat-twemmin ta' persuna f'xi denominazzjonijiet, kulleġġi tal-Bibbja u seminarji, l-argumenti eseġetiċi u teoloġiċi wżati mid-difensuri tagħha huma kollha każi klassiċi ta' li tisforza s-suppożizzjonijiet Teoloġiċi minn qabel ta' dak li jkun fuq testi partikulari (eiseġesi). L-iskop ta' dan l-istudju huwa biex juri lit-teorija ta' rapiment qabel it-tribulazzjoni *mhijiex mgħallma ċara jew tintqal direttament f'xi post fl-Iskrittura Mqaddsa, ma tistax tkun miġjuba minn tagħlim bibliku, tikkontradixxi tagħlim ġenerali tal-Bibbja dwar it-tieni miġja ta' Kristu u qatt ma kienet mgħallma f'xi kongregazzjoni tal-knisja qabel is-sena 1830.*

# L-ORIĠINI TAT-TAGĦLIM TA' RAPIMENT QABEL IT-TRIBULAZZJONI

Kull meta Kristjan iħabbat wiccu ma' dottrina li ma kinetx mgħallma minn xi ħadd fil-knisja ta' Kristu għal aktar minn tmintax-il seklu, wieħed għandu jkun susspettuż ħafna dwar dak it-tagħlim. Dan il-fatt fih u minnu nnifsu ma jippruvax lit-tagħlim ġdid huwa falz. Imma, dan definittivament għandu jqajjem is-susspett ta' dak li jkun, għax jekk xi ħaġa hija mgħallma fl-Iskrittura, mhuwiex raġjunevoli li tistenna għallanqas ftit teologi u eseġesi li jkunu sabuha qabel. It-tagħlim ta' rapiment sigriet qabel it-tribulazzjoni huwa dottrina li qatt ma eżistiet qabel is-sena 1830. Ġiet din id-dott-rina fl-eżistenza b'eseġesi bil-għaqal ta' l-Iskrittura? Le. L-ewwel persuna li għallmet id-dottrina kienet mara żagħżugħa li kien jisimha Margaret Macdonald. Margaret ma kinetx teologa jew esopżitur tal-Bibbja imma kienet profetessa fis-setta Irvingite (il-Knisja Kattolika Appostolika). Il-ġurnalist Kristjan Dave Mac Pherson kiteb ktieb fuq is-suġġett ta' l-oriġini tar-rapiment qabel it-tribulazzjoni (pre-tribulation raptu-re). Hu kiteb: "Aħna rajna li tfajla żagħżugħa Skoċċiża jisimha Margaret Macdonald kellha rivelazzjoni priva-ta f'Port Glasgow, Scotland, fil-parti kmieni tas-sena 1830 li grupp magħżul ta' Kristjani jkunu maqbuda 'l fuq biex jiltaqgħu ma' Kristu fl-ajru *qabel* il-jiem ta' l-Antikrist. Xhud li ra u sema', Robert Norton M.D., ippriserva r-rivelazzjoni tar-rakkont tagħha miktub bl-idejn tar-rapiment pre-trib tagħha fi tnejn mill-kotba tiegħu, u qal li kienet *l-*

*ewwel* darba li qatt xi ħadd qasam it-tieni miġja f'żewġ partijiet jew stadji distinti. Il-kitba tiegħu, flimkien ma ħafna letteratura oħra tal-Knisja Kattolika Appostolika, kienet moħbija għal għexieren ta' snin mill-idea dominanti tal-ħsieb Evan-ġeliku u kien biss riċentament li telgħet fil-wiċċ. Il-veduti ta' Margaret kienu magħrufa sewwa għal dawk li żaru d-dar tagħha, fosthom John Darby ta' l-Aħwa (the Brethren). Fi ftit xhur il-veduta distinta u profe-tika tagħha kienet murija fil-ħarġa ta' Settembru, 1830 tal-*The Morning Watch* u l-Aħwa (Brethren) tal-bidu ltaqgħu flimkien fi Plymouth, l-Ingilterra. Dixxipli tal-bidu ta' l-interpretazzjoni pre-trib spiss sejħulha dott-rina ġdida."[2]

John Nelson Darby (1800-1882), kien il-mexxej tal-moviment Brethren u l-"missier tad-dispensazzjonaliż-mu modern," ħa t-tagħlim ġdid ta' Margaret Macdon-ald fuq ir-rapiment, għamel xi bidliet (hi għallmet rapiment parzjali ta' l-emmiena waqt li hu għallem li l-emmiena kollha jkunu rrapinati) u inkorporah fl-għarfien Dispensazzjonali ta' l-Iskrittura u profezija. Darby għadda l-kumplament ta' ħajtu jitkellem, jikteb u jivvjaġġa, iferrex it-teorija ġdida tar-rapiment. L-hekk imsejħa "The Plymouth Brethren ammettew fil-beraħ u saħansitra kienu kburin dwar il-fatt li fost it-tagħlim tagħhom kien hemm uħud li kienu ġodda għal kollox li qatt ma kienu mgħallma mill-missirijiet tal-knisja, skulari medjuvali, Riformaturi Protestanti jew il-ħafna kummentaturi.

Il-persuna l-aktar responsabbli għal pjuttost aċċettar mifrux ma' ħafna postijiet tal-Pretribulazzjonaliżmu u d-Dispensazzjonaliżmu fost l-Evanġeliċi huwa Cyrus Ingerson Scofield (1843-1921). C. I. Scofield ippubblika s-*Scofield Reference Bible* tiegħu fl-1909. Din il-Bibbja, li ddefendiet id-dottrini ta' Darby fin-noti tagħha, saret popolari ħafna f'ċirki Fundamentalisti. Fl-imħuħ ta' ħafna għalliema tal-Bibbja, isqfijiet fundamentalisti u li jipprofessaw li huma Kristjani, in-noti ta' Scofield kienu prattikament imqiegħda fuq l-istess livell mal-Kelma ta' Alla nfisha. Jekk persuna ma kinetx taqbel u toqgħod għal l-iskema Dispensazzjonali u Pretribulazzjonali hu jew hi kien kważi awtomatikament ikun immarkat bħala modernist.

Illum hemm numru kbir ta' kotba mimlijja bil-fantasiji jiddefendu t-teorija ta' rapiment qabel it-tribulazzjoni u t-teorija dispensazzjonali taż-żminijiet tat-tmiem. Mogħti l-fatt li fost dawk li jipprofessaw li huma Kristjani l-hekk imsejjaħ "pre-trib rapture" għadu popolari ħafna, paragun ta' din it-teorija ma' tagħlim Skritturali huwa iggarantit. Aħna sejrin naraw li l-argumenti tipiċi offruti favur din it-teorija huma *f'kon-flitt dirett mal-Bibbja*.

## RIVELAZZJONI 3:10

Passaġġ ta' l-Iskrittura li huwa kkunsidrat Kruċjali għal difiża tal-pożizzjoni ta' rapiment qabel it-tribulazzjoni (pretribulation) huwa Rivelazzjoni 3:10,

> "*Billi int ħarist il-kelma tas-sabar tiegħi, jien ukoll inħarsek mis-siegħa tat-tiġrib, li sa tiġi fuq id-dinja kollha, biex iġarrab lil dawk li jgħammru fl-art.*"

Huwa argumentat li dan il-passaġġ jirreferi għat-tribulazzjoni l-kbira ("is-siegħa tat-tiġrib, li sa tiġi fuq id-dinja kollha") u li l-knisja hija mwiegħda tneħħija fiżika mid-dinja għall-protezzjoni. Il-"mis-siegħa ta' tiġrib" (*ek tes horas tou peirasmou*) hija interpretata bħala prepożizzjoni ta' ċaqliq. Il-qaddisin ikunu meħu-da *barra minn ġewwa* d-dinja għas-smewwiet. B'hekk, huma jkunu miżmuma jew ippriservati mis-siegħa tat-tiġrib.

L-interpretazzjoni ta' tribulazzjoni qabel (pretribula-tion) ta' Rivelazzjoni 3:10 hija totalment mhix korretta għal numru ta' raġunijiet.

*L-ewwel*, il-metodu bibliku ta' l-interpretazzjoni għandu jkun kompletament injorat biex tapplika dan il-passaġġ għal tribulazzjoni futura aktar minn elfejn sena fil-futur. L-ittra hija ndirizzata lill-knisja speċifi-ka (Filadelfja) fl-Asja Minuri fl-ewwel seklu. Il-wegħ-da speċifika li hija magħmula minn Ġesù hija mogħtija lill-Kristjani ta' Filadelfdja u ma tistax tkun applikata *direttament* għall-knejjes kollha ta' l-Asja Minuri jew il-knisja universali. Per eżempju, il-knisja ta' Smirni jintqal lilha li huma:

> "*…ikollkom tribulazzjoni għal għaxart ijiem. Kun fidil sal-mewt, u nagħtik il-kuruna tal-ħajja*" (Rivelazzjoni 2:10).

Huma kellhom ikunu mfarrġa fil-fatt li huma ma kinux jistgħu jkollhom ħsara mit-tieni mewt (2:11). Huma ma kinux imwiegħda protezzjoni miż-żmien li kien ġej ta' tribulazzjoni, tiġrib. Ukoll, il-wegħda lill-

Kristjani tal-knisja ta' Filadelfja hija bbażata fuq l-imġieba ta-għhom tal-passat:

> "*Għaliex int ħarist [eteresas—indikat-tiv attiv aorist] il-kelma…jien ukoll in-ħarsek*" (Rivelazzjoni 3:10).

L-aorist "ħarist" jgħid fatt storiku. Il-knisja żammet sħiħ u kompletament għall-Kelma kif kien intqal f'vers 8: "u ħarist kelmti."[3] Billi l-wegħda hija bbażata fuq l-imġieba ta' knisja partikulari fl-Asja Minuri din ma tistax tkun universalizzata biex tinkludi l-Kristjani kollha fil-futur imbiegħed. Li tgħamel dan ikun li ġġib fix-xejn u bla sens ir-rikmandazzjoni lill-knisja ta' Filadelfja.

*It-tieni*, l-indikaturi taż-żmien li jinsabu fil-passaġġ jagħmlu impossibbli l-idea li l-wegħda ma kelliex isir qabel elfejn sena u aktar. Il-passaġġ jgħid lis-siegħa tat-tiġrib kienet dalwaqt se ssir.

> "*…Jien ukoll inħarsek mis-siegħa tat-tiġrib, li sa tiġi fuq id-dinja kolha…*" (Rivelazzjoni 3:10).

Meta l-verb *mello* jkun mgħaqqad għall-present infinittiv li jinsab f'Rivelazzjoni 3:10 (*tes mellouses erchesthai*), dan dejjem jesprimi imminenza. Meta Ġesù jgħid lis-siegħa tat-tiġrib *sa tiġi*, Hu jfisser li dik għandha tiġri dalwaqt.[4] Li tpoġġi l-wegħda eluf ta' snin fil-futur huwa ċaħda tat-tifsira ċara tal-lingwa Griega. Chilton jikteb:

> "Jagħmel sens li Kristu jwiegħed lill-knisja f'Filadelfja protezzjoni minn xi ħaġa li kellha tiġri eluf ta' snin wara? 'Qawwu qalbkom,

> intom Kristjani fidili u li qegħdin tbatu ta' l-Asja Minuri ta' l-ewwel seklu: Jiena mhux se nħalli dawk il-missili Russi u n-naħal qattiela tas-seklu għoxrin jilħqukom!' Meta l-Kristjani ta' Filadelfja kienu nkwetati dwar ħsibijiet aktar prattiċi u immedjati—persekuzzjoni uffiċjali, diskriminazzjoni reliġjuża, turufnament soċjali, u bojkott ekonomiku—x'kien jimpurtahom huma dwar l-istejjer tal-biża' u li jħallu qligħ kbir ta' Hal Lindsey u kittieba oħra bħalu?"[5]

*It-tielet*, l-idea tal-pretribulazzjonisti li *ek* (minn jew mis-) f'vers 10 hija wżata f'sens spazjali, fil-wisa' u għalhekk tirreferi għall-qaddisin ikunu meħuda barra mid-dinja 'l hemm mit-tribulazzjoni mhijiex appoġġja-ta mill-kuntest immedjat jew aktar wiesa tal-Ktieb ta' Rivelazzjoni. Din l-intrerpretazzjoni ġdida ma tistax tinsab f'xi xogħol teoloġiku jew kummentarju qabel is-sena 1830 meta t-teorija pretribulazzjoni kienet għal l-ewwel darba ppreżentata minn Margaret Macdonald fil-punent ta' l-Iskozzja. Ukoll, huwa fatt storiku li l-knisja ta' Filadelfja ma kinetx meħuda fis-smewwiet matul it-tiġrib u l-persekuzzjoni li l-ktieb ipoġġihom *dlonk* wara li l-Kristjani ta' Filadelfja rċevew din il-profezija. L-idea li Rivelazzjoni 3:10 tirreferi għar-rapiment hija każ klassiku ta' li taqra l-opinjonijiet maħsuba minn qabel ta' dak li jkun f'test. L-aktar għarfa loġika ta' *ek* (minn jew mis-) f'Rivelazzjoni 3:10 hija li Kristu jipprotieġi lill-Kristjani ta' Filadelfja mit-tiġrib li kellu jiġi fuqhom *dalwaqt*. Dan l-għarfien huwa eżattament kif il-frażi identika Griega hija wżata fi Ġwanni 17:15,

*"…tħarishom mill-(ek) ħażin."*

It-talba ta' Ġesù ma tirreferix għal separazzjoni spazjali imma għall-protezzjoni mill-qerq ta' Satana. Il-knisja ta' Filadelfja mhix sejra tkun meħuda barra mill-imperu Ruman imma hija tkun imħarsa u ppriservata matul it-tiġrib li kien ġej.[6]

Aktar minn hekk, skond l-għarfien Dispensazzjonali tat-tribulazzjoni l-kbira, il-Kristjani ġenwini kollha għandhom ikunu rrapinati fil-bidu tat-tribulazzjoni waqt li l-Lhud għandhom jibqgħu fuq l-art u jmorru matul it-tribulazzjoni. Il-problema ma' din il-veduta hija li din tinvolvi kemm abbandun tal-prinċipju lette-rali ta' interpretazzjoni u interpretazzjoni arbitrarja tal-kelma "minn" (*ek*). Fi kliem ieħor meta *ek* hija wżata dwar Kristjani din tfisser li huma jkunu rrapinati biex ikunu fiż-żgur fis-smewwiet, imma meta din tkun użata dwar il-Lhud din tfisser li huma jibqgħu fuq l-art imma jirċievu l-protezzjoni. Oswald T. Allis jikteb: "Ġeremija 30:7 jiddikjara: 'iżda hu jkun salvat barra minnha' (letteralment, 'minnha'). Danjel 21:1 jgħid biss 'il-poplu tiegħek ikun meħlus.' F'Rivelazzjoni 3: 10 aħna naqraw, "jien ukoll inħarsek mis-(*ek*) siegħa tat-tiġrib.' F'kap. 7:14 jintqal lilna dwar dawk 'li ħerġin mit-(*ek*) tribulazzjoni.' Mattew 24:22 meta jit-kellem dwar it-tqassir tal-jiem tat-tribulazzjoni biċ-ċar jimplika li l-maħturin jgħaddu minnha. Ġwanni 17:15 jillustra l-ambigwità tal-prepożizzjoni 'minn' (mid-) (*ek*) fl-istess sens 'barra minn,' 'il hemm minn') dinja, 'iżda biex tħarishom mill- (*ek*) ħażen.' L-iskop ta' l-issiġillar tal-qaddejja ta' Alla qabel it-tiswib tal-

kastigi (Rivelazzjoni 7:3) jiffavorixxi l-veduta li huma għand-hom jgħaddu bla girfa minn ġo fihom. Għaliex m'għa-ndux l-istess ikun applikat għal Rivelazzjoni 3:10? Jidher pjuttost inkonsistenti li tinsisti li 'minn' f'Ġe-remija 30:7 għandha tfisser li Iżrael għandu jgħaddi minn tribulazzjoni jew tiġrib, imma li 'mit-' f'Rivel-azzjoni 3:10 għandha tfisser li l-knisja ta' Filadelfja, u b'implikazzjoni l-knisja kollha issa fuq l-art, ma tgħa-ddix minnha imma tkun meħlusa minnha bir-rapi-ment."[7]

Id-dispensazzjonalisti, li huma d-difensuri prinċipali tar-rapiment pretribulazzjoni, jistqarru li huma l-kamp-juni ta' resqan letterali għal interpretazzjoni biblika. Huma jgħidu li resqan letterali għall-profesija loġika-ment iwassal għall-veduta pretribulazzjonista. Madan-kollu hemm numru ta' passaġġi importanti bħal Rive-lazzjoni 3:10 fejn id-Dispensazzjonalisti jieħdu resqan wisq mhux letterali waqt li l-opponenti teoloġiċi tagħ-hom jieħdu resqan wisq letterali. Aħna diġà innutajna kif il-veduta letterali ta' Rivelazzjoni 3:10 kienet injo-rata totalment sabiex tqiegħed bħala fatt tribulazzjoni u rapiment eluf ta' snin fil-futur. Din il-kontradizzjoni għall-metodu letterali ta' interpretazzjoni tinsab ukoll fil-veduta tagħhom ta' kollox ma' kollox għas-seba' knejjes. Skond C. I. Scofield u l-maġġuranza l-kbira ta' l-awturi Dispensazzjonali, is-seba' knejjes ta' Riv-elazzjoni kapitli 2 u 3 jirrappreżentaw seba' perjodi kronoloġi konsekuttivi ta' storja tal-knisja. Skond is-sommarju prinċipali ta' din l-iskema l-knisja ta' Fila-delfja tirrappreżenta perjodu qawmien mill-ġdid tal-

knisja u attività kbira missjunarja (1750-1925 W.K.) waqt li Laodikija (is-seba' seklu) tirrappreżenta l-perjodu finali ta' l-istorja tal-knisja, li huwa wieħed ta' kompromess u apostasija. Imma din l-interpretazzjoni tqajjem numru ta' mistoqsijiet. (1) Jekk is-seba' knej-jes huma seba' perjodi konsekuttivi ta' storja tal-knis-ja, għaliex il-passaġġ tar-rapiment huwa fis-sitt perjo-du, iż-żmien tal-qawmien mill-ġdid u mhux fis-seba' u fl-aħħar perjodu, iż-żmien ta' l-apostasija? Jekk id-dispensazzjonalisti għandhom ikunu konsistenti huma ma jistgħux jistqarru Rivelazzjoni 3:10 bħala test ta' prova għar-rapiment. Il-veduta Dispensazzjonali ta' Rivelazzjoni fiha kontradizzjonijiet interni serji. (2) Ma hemm lanqas ħaġa waħda ġewwa t-test jew kun-test ta' dan il-passaġġ li tindika lis-seba' ittri huma b'xi mod profetiċi ta' seba' perjodi twal ta' storja tal-knisja. Għalkemm interpretazzjoni bħal din tista' tkun popolari, wieħed mhuwiex obligat li jżomm għall-veduta li m'għandha ebda bażi eseġetika. (3) L-inter-pretazzjoni li tistqarr li s-seba' knejjes huma seba' per-jodi twal ta' storja tal-knisja hija resqan wisq mhux letterali għal interpretazzjoni biblika. Skulari dispens-azzjonali jħobbu jakkużaw kummentaturi Amillennjali u Postmillenjali bħala li jispiritwalizzaw diversi pass-aġġi Skritturali. Madankollu l-idea lis-seba' ittri huma perjodi twal ta' storja tal-knisja fiha nfisha hija eżem-pju ċar ħafna ta' li tisspiritwalizza l-Iskrittura. L-għajta Dispensazzjonali ta' "letterali kull meta possibbli" hija stqarrija li ovvjament mhix realtà.

## RIVELAZZJONI 4:1

Test ieħor ta' prova għat-teorija ta' rapiment qabel it-tribulazzjoni (pretribulazzjoni) hu Rivelazzjoni 4:1,

> "*Wara dawn il-ħwejjeġ jiena ħarist, u ara, bieb infetaħ fis-sema; u l-ewwel leħen li jiena smajt kien bħal tromba titkellem miegħi, tgħid, Itla' hawn fuq, u jiena nurik ħwejjeġ li għandhom jiġru wara dan.*"

Il-pretribulazzjonisti juru dan il-vers u mbagħad jirrimarkaw li l-knisja mhix osservata mill-ġdid fuq l-art qabel Rivelazzjoni kapitlu 19 meta emmiena jiġu lura fuq l-art għall-ħakma millennjali ta' Kristu. Il-pretribu-lazzjonisti jirraġunaw li billi l-knisja mhix imsemmija bħala li tinsab fuq l-art matul it-tribulazzjoni l-kbira wara Rivelazzjoni 4:1, allura t-tneħħija ta' Ġwanni lejn is-sema għandha tkun ittrattata mar-rapiment. Hal Lindsey jagħtina eżempju ta' l-għarfien tipiku pretri-bulazzjonista ta' dan il-vers. Hu jikteb: "Huwa impor-tanti li tinnota li l-Knisja kienet it-tema prinċipali ta' Rivelazzjoni sa Kapitlu 4. Tibda b'dan il-kapitlu, il-Knisja ma terġax tidher fuq l-art qabel Kapitlu 19, fejn f'daqqa waħda ssibha ġejja lura fuq l-art ma' Kristu hekk kif Hu jiġi biex isaltan bħala sultan tas-slaten u Mulej tal-mulejiet…. Għalkemm Rivelazzjoni 4:1 ma jirreferix speċifikament għad-dehera mill-ġdid ta' Kristu fir-Rapiment, jiena nemmen li t-tluq ta' l-Appo-stlu Ġwanni għas-sema *wara* li l-era tal-knisja tagħlaq f'Kapitlu 3 u *qabel* ma l-aħbar tat-tribulazzjoni tibda

f'Kapitlu 6 jissuġġerrixxi bil-qawwa ħtif simili għall-Knisja."[8]

Imma billi Rivelazzjoni 4:1 u l-fatt li l-kelma knisja (*ekklesia*) mhumiex imsemmija f'kapitli 4 sa 18 huwa prova jew li jappoġġja t-teorija tar-rapiment tal-pretribulazzjonisti? Hemm numru ta' raġunijiet għaliex dan l-argument favur il-Pretribulazzjoniżmu għandu jkun irriġettat. L-ewwel, dan l-argument huwa argument minn silenzju li fih l-idea ta' rapiment pretribulazzjonista huwa maħsub u mbagħad imponut fuq din is-sezzjoni ta' l-Iskrittura. Fil-kuntest immedjat (Rivelazzjoni 4:2) jintqal li Ġwanni l-appostlu huwa meħud fil-kamra tat-tron tas-sema. Lanqas kelma waħda ma hija mlissna li tissuġġerixxi li Ġwanni jirrappreżenta l-knisja jew lin-nies ta' Alla kollha kemm huma, huma meħuda lejn is-sema. Ukoll, ma hemm imsemmi xejn jew xi indikazzjoni ta' nżul minn Kristu jew qawmien tal-qaddisin. F'Rivelazzjoni 4:1 hemm imsemmi tromba imma din mhijiex il-ħoss tat-tromba li jħabbar ir-rapiment. Huwa l-leħen li għandu ħoss ta' tromba l-istess bħall-vuċi ta' awtorità li Ġwanni sema' f'Rivelazzjoni 1:10,

> "*Kont fl-Ispirtu f'jum il-Mulej, u smajt warajja leħen qawwi, bħal ta' tromba.*"

Dak li ġara f'Rivelazzjoni 4:1 ma' Ġwanni ma kienx differenti mix-xeni tat-trasportazzjoni u l-kamra tat-tron esperjenzati minn profeti oħra (eżempji: Eżekjel 1:1, 22-28; 8:3-4 [Eżekjel apparentament qiegħed taħt il-baħar tal-kristall iħares il-fuq lejn il-kamra tat-tron]; Isaija 6; 2 Korintin 12:1-4).

It-tieni, l-argument mis-silenzju huwa applikat arbit-rarjament għal Rivelazzjoni u jista' jkun użat biex jip-prova ħafna dottrini eretiċi jekk applikat għal topiċi oħra teoloġiċi. L-argument mis-silenzju consistenta-ment applikat ma jipprovax ir-rapiment tal-qaddisin imma l-qerda għalkollox tal-qaddisin, għax mhux biss hija l-kelma knisja (*ekklesia*) mhux użata dwar il-qad-disin fuq l-art f'kapitli 4 sa 18, din ukoll qatt ma hija wżata dwar il-qaddisin fis-smewwiet. Ifisser dan li l-qaddisin kollha ħallew is-smewwiet u marru fil-Limbu jew f'xi post ieħor matul dawn il-kapitli? Le. ċerta-ment li le! Dan l-argument, jekk applikat konsistenta-ment, iwassal għall-konklużjoni assurda b'mod l-aktar inkredibbli. Il-kelma knisja (*ekklesia*) lanqas biss ma tiġri fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni sa kapitlu 22:16. Ifisser dan li l-knisja mhix involuta fit-tieni miġja, fil-qaw-mien jew fil-ħaqq tat-tron abjad? Le. Ovvjament li le! Argument li jipprova żżejjed ma jiswa xejn.

Barra minn hekk, ir-raġunar li jużaw il-Pretribulazz-jonisti biex jagħmlu Rivelazzjoni 4:1 test ta' prova għar-rapiment jista' jkun użat ukoll biex jipprova ħaf-na dottrini perikolużi u eretiċi. Fil-ktieb ta' Ester il-kliem għal Alla u JHWH ma jidhrux lanqas darba biss. Iffisser dan il-fatt li Alla ma jeżistix, jew li Alla huwa xi sid assenti ta' xi divinità ta' l-univers? Le. Dan ċert-ament li ma jfissirx hekk. Għandu jkun ċar għal kul-ħadd minn dan l-eżempju li l-argumenti mis-silenzju huma bla bażi ta' xejn u ma jiswew għal xejn.

*It-tielet*, eżami bil-għaqal ta' Rivelazzjoni kapitli 4 sa 19 jipprova konklussivament li l-knisja tinsab fuq l-art matul dan il-perjodu. Ġwanni ma jużax il-kelma knisja (*ekklesia*) f'dawn il-kapitli imma mogħti n-natura tal-letteratura apokalittika fejn allużjonijiet għat-Testment il-Qadim u l-ħin kollu wżati biex ipinġu drammatikament ġrajjiet li kellhom jiġu, in-nuqqas ta' użu tal-kelma knisja fis-sezzjoni simbolika ħafna tal-ktieb mhijiex ta' sorpriża. F'kapitlu 6 wara l-ftuħ tal-ħames siġill il-qaddisin martri jitolbu lil Alla biex ipat-ti għall-mewt tagħhom fuq il-persekuturi tagħhom "li jgħammru fuq l-art" (v. 10). Dawn il-Kristjani li kienu maqtula martri jintqal lilhom biex jistennew:

> "*sakemm il-għadd tagħhom ikun sħiħ ma' sħabhom qaddejja u ma ħuthom, li sa jinqatlu bħalhom*" (v. 11).

Il-frażi sħabhom qaddejja u ħuthom hija wżata f'Rivelazzjoni biex tiddeskrivi Kristjani f'Rivelazzjoni 6:11; 19:10 u 22:9. Pawlu juża l-istess terminoloġija f'Kolossin 1:7; 4:7. Ma hemm lanqas l-iċken xhieda biex tappoġġja l-idea li dawk martri matul it-tribulazzjoni huma l-fdal Lhudi. Dawn huma Kristjani minn kull nazzjon (Rivelazzjoni 7:9, 14) li mietu minħabba li l-knisja ta' Kristu hija ppersegwitata fuq l-art.

F'Rivelazzjoni 7 hemm 144,000 qaddisin ta' Alla. Id-dispensazzjonalisti jargumentaw (b'mod żbaljat għal kollox) li dan il-grupp kbir jirreferi għal l-Iżrael letterali u mhux għall-knisja tat-Testment il-Ġdid li kienu rapinati. Din il-veduta hija bbażata fuq għarfien letterali ta' vers 4:

*"…mija erbgħa u erbgħin elf mit-tribujiet kollha ta' wlied Iżrael kienu ssiġillati."*

Għalkemm l-idea ta' "letterali kull meta hu possibbli" hija tajba, Rivelazzjoni 7:4-12 ovvjament ma kinux imfissra biex ikunu interpretati letteralment. F'Rivelazzjoni kapitlu 7 Alla juża t-tixbih tad-diviżjonijiet tal-kamp militari ta' Iżrael tal-patt il-qadim (1 Kronaki 4-7) biex jissimbolizza l-knisja Tiegħu tal-patt il-ġdid bħala armata li tirbaħ ta' JHWH. Dan huwa evidenti għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel, il-ktieb ta' Rivelazzjoni spiss japplika deskrizzjonijiet ta' Iżrael tat-Testment il-Qadim direttament għall-knisja tal-patt il-ġdid. Il-knisja hija msejħa saltna ta' qassisin (*textus receptus*—slaten u qassisin) li hija allużjoni għall-identifikazzjoni tat-Testment il-Qadim ta' Iżrael f'Eżodu 19:6 (tinsab f'Rivelazzjoni 1:6; 5:10; 20:6). Il-knisja ta' Ġesù Kristu hija identifikata bħala l-Ġerusalem il-Ġdida—li l-bibien tagħha jġibu l-ismijiet tat-tnax-il tribù ta' Iżrael. Il-pedament tal-belt iġib l-ismijiet tat-tnax-il appostlu.

It-tieni, jintqal lilna speċifikament f'Rivelazzjoni stess li l-144,000 huma dawk mifdija minn Ġesù Kristu minn fost il-bnedmin:

*"Dawn huma dawk li ma tniġġsux man-nisa; għax huma verġni. Dawn huma dawk li jimxu wara l-Ħaruf kull fejn imur. Dawn kienu mixtrijin minn fost il-bnedmin, billi kienu l-ewwel*

*frott għal Alla u l-Ħaruf*" (Rivelazzjoni 4:4).

It-Tielet, l-interpretazzjoni letterali ta' Rivelazzjoni 7:4-5 tinjora l-fatt li għaxra mit-tnax-il tribù kienu spa-rixxew fl-Assirja. Virtwalment l-għaxar tribujiet koll-ha kellhom żwieġ imħallat ma' pagani u kienu żmien ilu tilfu l-identità etnika tagħhom. Barra minn dan, "jekk Iżrael skond il-ġisem kien imfisser, għaliex Ef-rajm u Dan huma mħollija barra? Żgur li mhux in-nies kollha tat-tribù ta' Dan kienu mitlufa. Mhux Ruben imma Ġuda huwa msemmi l-ewwel. Ftakar li l-Mulej tagħna Ġesù Kristu kien mit-tribù ta' Ġuda (Ġenesi 49:10)."[9] Ir-raba', it-tagħlim tat-Testment il-Ġdid hu-wa li l-knisja li hija magħmula mit-tnejn, Lhud u Ġen-tili hija l-veru Iżrael ta' Alla (Rumani 2:28-29; 9:6; Galatin 6:16; 1 Pietru 1:1; 2:9-10). Ġakbu, jikteb lill-Kristjani, saħansitra jseħilhom,

"*…it-tnax-il tribù li huma mxerrdin f'artijiet oħra…*" (Ġakbu 1:1).

Pawlu għallem li dawk kollha li jemmnu fi Kristu hu-ma l-ulied tassew ta' Abraham (Rumani 4:11-17; Gal-atin 3:7); li l-ħajt tan-nofs li kien jifred kien imneħħi minn Kristu; il-Lhud li jemmnu u l-Ġentili li jemmnu huma ġisem wieħed (Efesin 2:14-22). Il-knisja ta' Kristu hija bini wieħed (Efesin 2:20-22) u għarusa waħda (Efesin 5; Rivelazzjoni 21:9-27). Il-ħames, li l-144,000 jirreferi għal dawk kollha li jemmnu huwa ip-pruvat minn Rivelazzjoni 9:4 fejn l-iskorpjuni nde-monjati jintqal lilhom li huma jistgħu jagħmlu ħsara biss lil dawk li m'għandhomx is-siġill ta' Alla fuq

ġbinhom. Għandna aħna nemmnu li emmiena Lhud huma mħarsa waqt li ħuthom il-Ġentili huma mħollija biex jintilfu? Ċertament li le! Il-knisja ta' Kristu definittivament għadha fuq l-art matul it-tribulazzjoni l-kbira.

## 2 TESSALONIKIN 2:6-7

Argument ieħor għar-rapiment qabel it-tribulazzjoni huwa bbażat fuq it-Tieni Tessalonikin 2:6-7,

> "*U intom tafu x'iżommu li ma jidhirx f'waqtu. Għax il-misteru tal-ħażen diġà qiegħed jaħdem: biss dak li qiegħed iżommu issa, hemm bżonn jitwarrab min-nofs.*"

L-għarfien ġenerali tad-Dispensazzjonalisti ta' dan il-passaġġ huwa li dak li jżomm li huwa msemmi huwa l-Ispirtu s-Santu. Il-Pretribulazzjonisti jargumentaw illi billi l-Ispirtu s-Santu jgħammar u jaħdem biex iżomm il-ħażen permezz tal-knisja, tneħħija ta' l-Ispirtu twassal għal tneħħija tal-knisja. Hekk kif il-knisja tkun irrapinata l-Antikrist ikun irrivelat.

Għalkemm dan il-passaġġ huwa wieħed diffikultuż li rriżulta f'ħafna interpretazzjonijiet differenti, l-idea li dan il-passaġġ jgħallem it-tneħħija ta' l-Ispirtu s-Santu hija teoloġikament impossibbli u tikkontradixxi għal kollox l-interpretazzjoni tad-Dispensazzjonalisti nfushom tal-ġrajjiet li suppost għandhom jiġru matul it-tribulazzjoni. Skond id-Dispensazzjonalisti, Wara r-rapiment fdal Lhudi ta' 144,000 jikkonverti għal Kristu. Dawn il-Lhud ikunu l-aqwa evanġelisti lid-

dinja qatt rat, li jġibu folol kbar lejn Kristu minn kull nazzjon. X'hemm ħażin b'dan l-għarfien ta' Skrittura? Dan ipoġġi lid-dispensazzjonalisti fil-pożizzjoni ta' jew jiċħdu l-interpretazzjoni tagħhon stess tat-2 Tessalonikin 2:6-7 jew li jiċħdu t-tagħlim bibliku dwar ir-rwol ta' l-Ispirtu s-Santu f'li jikkonverti l-midinbin. Il-Bibbja tgħallem li ħadd ma jista' jkun ikkonvertit mingħajr il-qawwa li tiġġenera u li tiġbed ta' l-Ispirtu s-Santu (Eżekjel 36:25-26; Ġwanni 1:13; 3:5-8; Atti 5:31; 11:18; 16:13-14; 1 Korintin 2:12-14; 2 Korintin 4:6; Efesin 2:1, 5; Kolossin 2:11; Titu 3:5). Madankollu, l-Pretribulazzjonisti jgħallmu li l-144,000 Lhud ikkonvertew *wara* t-tluq ta' l-Ispirtu s-Santu. Huma jgħallmu wkoll li l-predikar ta' dawn il-Lhud li kkonvertew jagħti frott għal mitt darba aktar *mingħajr* l-Ispirtu s-Santu milli jagħti l-predikar tal-knisja *bl*-Ispirtu s-Santu matul l-hekk imsejjaħ żmien tal-knisja. Jintqal li folol kbar jikkonvertu għal Kristu minn kull nazzjon matul l-assenza ta' l-Ispirtu s-Santu f'1260 jum biss! Il-verità hija li jekk l-Ispirtu s-Santu jkun imneħħi, ma jkun hemm ħadd li jikkonverti matul it-tribulazzjoni—lanqas wieħed.

Jirrealizzaw in-natura ovvja mhux biblika tal-veduta ġenerali, ħafna Dispensazzjonalisti moderni jargumen-taw li l-Ispirtu s-Santu ma jkunx meħud jew imneħħi, "imma 'mneħħi min-nofs;' b'hekkl-Ispirtu s-Santu jkompli attività divina saż-żmien tat-tmiem, għalkemm mhux bħala dak li jżomm il-ħażen permezz tal-knis-ja."[10] Fi kliem ieħor l-Ispirtu s-Santu ma jmurx lejn is-smewwiet, Hu sempliċiment iwarrab min-nofs biex b'hekk dawk kontra Kristu jkunu

jistgħu jkollhom kontroll fuq il-massa tal-popli. Din l-interpretazzjoni tevità l-assurdità ta' konverżjonijiet tal-massa mingħ-ajr ma l-Ispirtu s-Santu jaħdem permezz tal-Kelma. Iżda, din tneħħi wkoll it-2 Tessalonikin 2:6-7 minn test bħala prova għar-rapiment qabel it-tribulazzjoni. Jekk l-Ispirtu s-Santu ma jħallix ix-xena imma sempli-ċiment jieqaf milli jżomm il-qawwiet tal-ħażen kif Hu kien għamel qabel, ma hemm ebda raġuni aktar biex tissopponi li dan il-passaġġ jindika rapiment tal-knisja. L-idea li l-Ispirtu s-Santu huwa *dipendenti* fuq il-knis-ja biex iżomm jew irażżan il-ħażen mhijiex appoġġjata mill-Iskrittura. Barra minn dan, ukoll jekk il-qawwa li żżomm jew li trażżan ta' l-Ispirtu s-Santu ġiet permezz tal-knisja, ma jkunx ukoll il-qawwmien massiv matul id-dinja kkawżat bil-predikar tal-fdal tal-Lhud trażżin tal-ħażen mid-dixxipli ta' Kristu (il-knisja Tiegħu)? Id-Dispensazzjonalisti ma jistgħux li jkollhom dan fiż-żewġ modi. Għalhekk, dan il-passaġġ m'għandu x'jaq-sam xejn mar-rapiment.

Raġuni oħra li dan il-passaġġ m'għandux ikun ik-konsidrat bħala test ta' prova għar-rapiment huwa t-tagħlim ta' l-appostlu Pawlu fil-kuntest immedjat. It-Tessalonikin kienu nkwetati minħabba tagħlim falz dwar il-jum ta' Kristu. Ħafna ġewwa l-knisja emmnu li l-jum tal-Mulej kien diġa' sar. Pawlu jrid li jneħħi kull fehma żbaljata rigward dan il-jum li ġej billi juri li ċerti ġrajjiet għandhom isiru qabel din il-miġja. Pawlu jgħid li l-ewwel għandu jkun hemm apostasija jew rib-elljoni u l-bniedem tad-dnub ikun irrivelat. Imbagħad hu jagħti ċerti dettalji rigward il-bniedem

tad-dnub u meta dawn il-ħwejjeġ jiġru. Dak li huwa partikular-ment interessanti rigward din is-sezzjoni ta' l-Iskrittura huwa li din tipprova lit-Tessalonikin li qabel kienu reċevew struzzjonijiet minn Pawlu ma kienu jafu xejn dwar rapiment qabel it-tribulazzjoni. Li kieku huma kienu mgħallmin dottrina bħal din allura huma kienu jkunu jafu li l-jum tal-Mulej ma kienx ġara, għaliex ir-rapiment ma kienx għadu sar. Barra minn dan, dan jipprova li Pawlu ma emminx f'rapiment qabel it-tribulazzjoni (jew li hu kien traskurat fl-istruzzjonijiet tiegħu), għaliex Pawlu ma jgħid xejn dwar rapiment li għandu jiġri seba' snin qabel il-jum tal-Mulej. Kieku Pawlu emmen f'rapiment qabel it-tribulazzjoni wieħed jitennih li jgħid: "Tkunux imqarrqa li l-jum ta' Kristu diġa ġie, ħuti. Dan jista' jiġi biss wara li intom tkunu rrapinati lejn is-smewwiet. Il-fatt li intom għadkom fuq l-art huwa prova pożittiva li dan għadu ma sarx." Pawlu ma jgħidx lil l-aħwa tat-Tessalonika biex iħarsu għal rapiment imma biex iħarsu għal apostasija (jew ribelljoni) u l-bniedem tad-dnub. Jekk it-teorija tar-rapiment qabel it-tribulazzjoni kienet tassew, għaliex Pawlu jagħti struzzjonjiet lil dawk il-Kristjani biex iħarsu għall-ġrajjiet li suppost għandhom jiġru matul it-tribulazzjoni, meta l-knisja mhix suppost li tkun ma-dwar? Huwa ovvju li Pawlu ippresuppona li l-knisja tabilħaqq tkun preżenti fuq l-art matul it-tribulazzjoni l-kbira.

Minn dan li aħna rajna s'issa, wieħed jifhem aktar għaliex dawk il-ħafna twissijiet biex ma nħallux lil

min iqarraq bina (Efesin 5:6; Kolossin 2:8; 2 Tessalonikin 2:3; 1 Ġwanni 3:7).

## 1 TESSALONIKIN 5:9
## (Is-Seba' Parti)

Wieħed mill-aktar argumenti popolari tar-rapiment qabelit-tribulazzjoni huwa bbażat fuq 1 Tessalonikin 5:9,

> "*Għax Alla m' għażilniex għall-għadab, imma biex niksbu s-salvazzjoni permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.*"

Huwa argumentat lit-tribulazzjoni l-kbira huwa żmien li qatt ma kien hemm bħalu ta' l-għadab t'Alla jaqa' fuq id-dinja *kollha*. Billi l-emmiena speċifikament jintqal lilhom li huma mhumiex appuntati għall-għadab, huwa biss loġiku li tikkonkludi li l-knisja tkun imneħħija mid-dinja *qabel* ma l-għadab t'Alla jkun imsawwab. Din it-tneħħija hija r-rapiment tal-qaddisin. Dan l-argument għar-rapiment huwa falz għal numru ta' raġunijiet. L-ewwel, dan jassumi li l-għadab imsemmi f'vers 9 huwa l-għadab imsawwab matul it-tribulazzjo-ni. Il-kuntest ta' kapitlu 5 iżda jagħmnilha ċar ħafna li l-għadab imsemmi f'vers 5 mhuwiex l-għadab tat-tribulazzjoni imma l-għadab li jiġri fit-tieni miġja ta' Kristu—il-jum tal-Mulej (1 Tessalonikin 5:1-3).

It-tieni, dan l-argument jassumi li l-uniku metodu għad-dispożizzjoni ta' Alla biex jipprotieġi l-knisja mill-għadab Tiegħu huwa tneħħija totali mid-dinja. Eżami tal-għadab ta' Alla fiż-żewġ stqarrijiet jirrevela li l-assunzjoni Pre-tribulazzjonista hija għal kollox

mingħajr ebda bażi. Meta Alla sawwab l-għadab Tiegħu fuq l-Eġittu, Hu ħeles lin-nies ta' Iżrael (Eżodu 8: 22-23; 9:4-6, 11, 26; 10:23; 11:7; 12:23; 14:28-29) mingħajr ma l-ewwel neħħihom mill-art. Il-profeta Isaija jgħid espliċitament li Alla jista' jiġġudika l-art mingħ-ajr ma jagħmel ħsara lin-nies tal-patt Tiegħu li jibqgħu fuq l-art.

> "*Ejja, poplu tiegħi, idħol f'kamartek, u agħlaq bwiebek warajk: inħeba għal ftit, sama jgħaddi l-għadab. Għax, ara, il-Mulej ħiereġ minn postu, biex jikkastiga lil dawk li jgħammru fuq l-art għall-ħażen tagħhom: l-art ukoll tikxef demmha, u ma tgħattix iżjed il-mejtin tagħha.*"

Il-musmar fit-tebut għal l-użu tal-Pretribulazzjonisti ta' 1 Tessalonikin 5:9 jiġi mill-Ktieb ta' Rivelazzjoni li juri lin-nies ta' Alla huma mħarsa mill-għadab Tiegħu matul it-tribulazzjoni. F'Rivelazzjoni 6:16 huma dawk li ma jemmnux li jitolbu biex il-muntanji u l-blat iħarsuhom mill-għadab tal-Ħaruf. Għadab li jaqa' bħala tweġiba għat-talb tal-qaddisin ippersegwitati u maqtula martri (Rivelazzjoni 6:9-11). Wara li l-ħames tromba tindaqq, il-ġradijiet tal-qirda huma ordnati minn Alla biex jagħmlu ħsara biss "lin-nies li m'għandhomx il-marka ta' Alla fuq ġbinhom" (Rivelazzjoni 9:4b). Il-qaddisin ta' Alla huma speċifikament imħarsa mid-deni. F'Rivelazzjoni 9:20-21 jintqal lilna li dawn il-kastigi kienu mmirati lejn in-nies ħżiena. Rivelazzjoni 14:9-10 jgħid li dawk li

għandhom jesperjenzaw l-għadab u l-qilla ta' Alla huma dawk li jirċievu l-marka tal-bhima; li jqimu l-bhima u x-xbieha tagħha. Dan ovvjament eskluda lill-Kristjani. Rivelazzjoni 16:1-2 jgħid li l-għadab ta' Alla (l-ewwel bieqja) għandu biss ikun imsawwab fuq dawk li jqimu lill-bhima, li għand-hom il-marka tagħha. Għal darb'oħra, l-emmiena hu-ma esklużi. F'Rivelazzjoni 16:9 u 11 dawk li jirċievu l-kastigi ta' Alla huma identifikati bħala dawk li jidgħu u li rrifjutaw li jindmu. Qari bil-għaqal ta' Riv-elazzjoni juri li għalkemm in-nies ta' Alla jesperjen-zaw il-persekuzzjoni, il-mewt u l-ħsara f'idejn in-nies il-ħżiena huma mħollija barra minn kull att ta' l-għa-dab ta' Alla. L-għadab ta' Alla jaqa' biss fuq dawk li huma egħdewwa ta' Kristu u l-knisja Tiegħu. L-għa-dab li jaqa' fuq il-ħżiena huwa rispons ta' mħabba ta' Alla għat-talb tal-qaddisin Tiegħu. Teħtieġ il-knisja li tkun kompletament imneħħija mill-art biex tkun meħ-lusa mill-għadab ta' Alla, kif jgħidu l-Pretribulazzjo-nisti? L-Iskrittura Mqaddsa twieġeb dik il-mistoqsija bil-qawwa kollha, "LE!"

## L-ARGUMENT TA' "L-ULIED TAL-MILLENNJU"

Argument wieħed li huwa wżat kemm mill-pre u mit-tribulazzjonisti huwa bbażat fuq in-neċessità ta' bnedmin jidħlu fil-millennju b'iġsma naturali u mhux igglorifikati. Premillenjalisti jgħallmu li matul il-mille-nnju nies b'iġsma igglorifikati jgħammru maġenb nies li għadhom ma kinux igglorifikati. Il-millennju għandu jibda b'nies li kkonvertew wara r-

rapiment iżda qabel it-tieni miġja biex b'hekk il-prokreazzjoni tkun tista' tiġri matul il-millennju. Iġsma naturali u prokreazzjoni huma neċessarji għaliex dixxendenti huma meħtieġa li jirribellaw kontra Kristu fit-tmiem tal-ħakma Tiegħu fuq l-art. Jekk ir-rapiment u t-tieni miġja jiġru fl-istess ħin, imbagħad l-emmiena kollha jkollhom iġsma igg-lorifikati u ma jkun jkun hemm ebda dixxendenti natu-rali li jkunu jistgħu jirribellaw. Kristjani b'iġsma iggl-orifikati ma jistgħux jirribellaw għaliex aspett wieħed tal-glorifikazzjoni huwa li titlef l-abbiltà li tikkommet-ti d-dnub.

Dan l-argument jista' jkollu effett fuq il-Premillen-jalisti storiċi li jemmnu fil-ħakma letterali ta' elf sena ta' Kristu fuq l-art li għandha tibda immedjatament wara lir-rapiment ta' wara tribulazzjoni u t-tieni miġja jiġru. Din, iżda, m'għandha ebda effett fuq dawk (Am-illennial u Postmillennial) l-emmiena li jirriġettaw il-Premillenjaliżmu bħala mhux Skritturali.

Billi l-Bibbja tgħallem ċar ħafna kemm fil-vanġeli u fl-epistoli lit-tieni miġja ta' Kristu, il-ħtif (rapiment), il-qawmien u l-ħaqq tal-ġusti u tal-ħżiena għandhom jiġru *fl-istess jum* (il-jum tal-Mulej) il-Premillenjaliż-mu bir-reżurrezzjonijiet u l-ġudizzji separati tiegħu għandu jkun irriġettat. Innota l-passaġġi li ġejjin:

**Mattew 25:31-46,**

> "*Meta Bin il-bniedem jiġi fil-glorja tiegħu, u l-anġli mqaddsa kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron tal-glorja tiegħu: U jinġabru quddiemu l-ġnus*

*ko-llha: u jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-gidjien: U jqiegħed in-ngħaġ fil-lemin tiegħu, u l-gidjien fix-xellug. Imbagħad igħid is-Sultan lil dawk li jkunu fil-lemin tiegħu: 'Ejjew, ja mberkin ta' Missieri, irtu s-saltna mhejjija għalikom mit-tis-jis tad-dinja….' Imbagħad igħid ukoll lil dawk li jkunu fuq ix-xellug: 'Morru minn fejni, ja misħutin, fin-nar ta' dej-jem, imhejji għax-xitan u l-anġli tiegħu ….' U dawn imorru fil-kastig ta' dej-jem; iżda n-nies sewwa fil-ħajja ta' dej-jem.*"

**Mattew 13:30,**

"*Ħalluhom it-tnejn flimkien jikbru sal-ħsad; u fi żmien il-ħsad ngħid lill-ħassada: Iġbru l-ewwel is-sikrana, u orbtuha f'qatet biex taħarquha: iżda iġbru l-qamħ fil-maħżen tiegħi.*" (Mattew 13: 47-50).

**Ġwanni 5:28-29,**

"*La tistagħġbux b'dan: għax tasal is-siegħa, li dawk kollha li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu, U joħorġu; dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażen, għall-qawmien tal-kundanna.*"

**Ġwanni 6:39-40,**

> "*U din hi r-rieda tal-Missier li bagħatni, li ma nitlef xejn minn dak kollu li tani, imma li nqajmu fl-aħħar jum. U din hi r-rieda ta' dak li bagħatni, li kull min jara l-Iben, u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem: u jien inqajmu fl-aħħar jum.*" (Ġwanni 6:44, 45).

Minn dawn il-passaġġi aħna nitgħallmu li Kristu għallem ġudizzju ġenerali tal-bnedmin *kollha*, mhux biss il-ħżiena. Ġesù għallem ċar li se jkun hemm reżurrezzjoni ġenerali li fiha *l-bnedmin kollha* jkunu mqajma *fl-istess* jum. Ma hemm xejn fit-Testment il-Ġdid dwar qawma parzjali bil-ġisem li hija segwita minn qawma oħra bil-ġisem jew 1000 sena (jew għad-Dispensazzjonalisti, 1007 sena). Barra minn dan, Ġesù għallem li l-qawmien bil-ġisem tal-mejtin u l-jum tal-ħaqq jiġru fl-aħħar jum. It-titlu *l-aħħar jum* ifisser it-tmiem ta' l-istorja tal-bniedem. Din ma tippermettix elf sena oħra ta' eżistena fuq l-art mhux igglorifikata.

L-epistoli (ittri) ta' Pietru u Pawlu huma saħansitra aktar espliċit fir-riġezzjoni tagħhom tal-Premillenjaliż-mu.

**2 Tessalonikin 1:6-10,**

> "*...hi ħaġa ta' ħaqq quddiem Alla li jrodd it-taħbit lil dawk li jħabbtukom, u li jagħti lilkom li intom imħabbrin mistrieħ magħna, meta l-Mulej Ġesù jkun irrivelat mis-sema ma' l-anġli setgħana*

*tiegħu, f'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u fuq dawk li ma jisimgħux mill-evanġelju ta' Sid-na Ġesù Kristu. Dawn ikunu kkastigati bit-telfien ta' dejjem mill-preżenza tal-Mulej u mill-glorja tas-setgħa tiegħu, meta Hu jiġi, f'dak il-Jum, biex ikun igglorifikat fil-qaddisin Tiegħu u biex jistagħġbu fih dawk kollha li jemmnu, għax ix-xhieda tagħna fostkom kienet emmnuta….*"

Għal Pawlu, il-kastig tal-ħżiena u l-premju tal-ġusti għandhom jiġru simultanjament, immedjatament wara t-tieni miġja ta' Kristu. Ma hemm xejn hawn li jgħallem miġjiet separati. Ma hemm xejn dwar rapiment sigriet. Ma hemm ebda qasma ta' 7 snin, 1,000 sena jew, 1,007 snin bejn il-glorifikazzjoni tal-qaddisin u l-qirda tal-ħżiena. Skond Pawlu dawn jiġru *fl-istess jum* ("dak il-Jum"), il-jum li fih Kristu jerġa' jiġi. Barra minn dan, innota li Kristu jiġi mis-sema biex ikisser l-għedewwa Tiegħu u jiġġudika d-dinja. Ġesù ma jkissirx lill-ħżiena mit-tron Tiegħu tad-dinja f'Ġerusalem, kif igħallmu l-Premillenjalisti. Innota wkoll li ma hemm ebda nies ħżiena mħollija ħalli jippopolaw id-dinja matul il-millennju, u l-qaddisin kollha jkollhom iġsma igglorifikati.

**1 Korintin 15:23-26, 50-54,**

"*Imma kull wieħed fejn imissu: Kristu l-ewwel frott; imbagħad dawk li huma ta' Kristu fil-miġja tiegħu.* ***Imbagħad***

> ***jiġi t-tmiem**, meta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa. Għax jeħtieġ isaltan, sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh. L-aħħar għadu li jinqered hi l-mewt…. Issa dan ngħidilkom, ħuti, li l-laħam u d-demm ma jistgħux jirtu s-saltna ta' Alla; lanqas it-taħsir ma jiret in-nuqqas ta' taħsir. Ara, sa ngħidilkom misteru: Aħna mhux ilkoll immutu, imma lkoll nitbiddlu—F'waqt wieħed, f'ħakka ta' għajn, maddaqq ta' **l-aħħar** tromba. Għax iddoqq it-tromba, u l-mejtin iqumu bla taħsir, u aħna nitbiddlu. Għax jaħtieġ li dan il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u dan il-ġisem li jmut jaħtieġ jilbes in-nuqqas tal-mewt… imbagħad isseħħ il-kelma li nkitbet: 'Il-mewt inbelgħet fir-rebħa.'"*

Skond Pawlu, it-tieni miġja ta' Kristu u l-glorifikazzjoni tal-qaddisin jiġru *immedjatament* qabel l-istat finali. Kristu jerġa' jiġi, il-qaddisin jirċievu iġsma immortali u igglorifikati "imbagħad jiġi t-tmiem." (L-avverbju *eita*, tradott *imbagħad* f'"imbagħad jiġi t-tmiem" fit-Testment il-Ġdid, qatt ma jirreferi għall-perjodu twil ta' żmien. Huwa l-avverbju wżat biex juri perjodu *qasir* ta' żmien.) Ma hemm ebda lok fl-għarfien ta' Pawlu tat-tieni miġja biex tpoġġi ħakma ta' 1,000 sena. Meta Kristu jerġa' jiġi, is-saltna tkun mogħtija lill-Missier, mhux imwaqqfa għal elf sena!

Barra minn hekk, wara li Kristu jerġa' jiġi, il-mewt tkun meqruda kompletament u mneħħija għal kollox. **Kif jista' jkun hemm min jikkonverti fil-millennju u li jgħix, ikollu t-tfal u jmut, jekk il-mewt hija mneħħija għal kollox fit-tieni miġja?**

**1 Tessalonikin 5:1-4, 9-10,**

> "*Imma fuq iż-żmien u l-ħin, ħuti, m'għandkomx bżonn niktbilkom. Għax intom stess tafu sewwa li jum il-Mulej jasal bħal ħalliel bil-lejl. Għax meta jgħidu: Sliem u sigurtà; imbagħad f'daqqa waħda jiġi fuqhom it-telfien, bħalluġigħ ta' mara fil-ħlas; u ma jeħilsux. Iżda intom, ħuti, mintomx fid-dlam, biex dak il-jum jaqbadkom bħal ħalliel ….Għax Alla m'għażilniex għall-għadab, imma biex niksbu s-salvazzjoni permezz ta' Sidna Ġesù Kristu. Li miet għalina, biex imqajmin jew reqdin, ngħixu flimkien miegħu.*"

Għal darb'oħra l-appostlu Pawlu jgħallem li l-jum tal-Mulej huwa jum ta' ħelsien għall-qaddisin imma għad-ab għall-ħżiena. Pawlu ma jgħidx lil dawk li jemmnu, biex iħarsu għal rapiment sigriet seba'snin qabel it-tieni miġja. Pawlu jurihom għat-tieni miġja nfisha me-ta ż-żewġ partijiet, emmiena u dawk li ma jemmnux ikunu ttrattati. L-emmiena għandhom "iħarsu u jkunu b'għajnejhom miftuħa" fi preparazzjoni għat-tieni miġja (1 Tessalonikin 5:6).

Meta Kristu jerġa' jiġi huma "jgħixu flimkien Miegħu" (1 Tessalonikin 5:10) imma dawk li ma jemmnux jirċievu l-għadab ta' Alla —qirda f'daqqa waħda tiġi fuqhom (1 Tessalonikin 5:3). Jekk il-Kristjani sejrin ikunu rrapinati b'mod sigriet 'il hemm mid-dinja seba' snin qabel it-tieni miġja ta' Kristu, mela għaliex l-Iskrittura ripetutament tgħallem li l-Kristjani għandhom jibqgħu fuq l-art sar-rivelazzjoni ta' Kristu? Il-qawmien tal-ġusti u l-ħżiena u l-ġudizzju finali t-tnejn jiġru flimkien *fl-istess jum*, il-jum tal-Mulej (ara Mattew 13:47-50; 25:31-34, 41; Ġwanni 5:28-29; 6:3-40, 44, 54; Rumani 2:5-8, 16; 1 Tessalonikin 5:1-4, 9-10; eċċ.).

**2 Pietru 3:4-10,**

> "*Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu? Għax mindu mietu missirijietna, kollox għadu kif kien fil-bidu tal-ħolqien…. Imma s-smewwiet u l-art ta' issa huma merfugħin bl-istess kelma, u miżmu-min għan-nar għal jum il-ħaqq u t-tel-fien tan-nies ħżiena…. Imma bħal ħal-liel bil-lejl jiġi jum il-Mulej; meta s-smewwiet igħibu b'ħoss kbir, u l-ele-menti maħruqin jinħallu bi sħana kbira* …."

Pietru jgħallem lit-tieni miġja, il-jum tal-ħaqq u l-bidu ta' l-istat finali jiġru contemporanjament. Bħal Pawlu, Pietru jgħid li dawn il-ġrajjiet jiġru fil-"jum tal-Mulej." Skond il-Premillenjaliżmu Kristu ma *jiġix* fil-jum tal-ħaqq (ġudizzju), għaliex Hu diġa' qiegħed fuq

l-art jaħkem minn Ġerusalem. Imma Pietru, b'ispirazz-joni mill-Ispirtu s-Santu jgħid, li meta Kristu jerġa' jiġi, il-ħaqq jiġri u mbagħad is-smewwiet u l-art ikunu meqruda. Aħna, bħala l-knisja ta' Kristu nemmnu lil Pawlu u lil Pietru u mhux lill-profeti foloz moderni! Il-Premillenjalisti jemmnu li Kristu għandu jerġa' jiġi u jaħkem fuq l-art għal 1,000 sena qabel ma l-elementi jkunu meqruda. Għalhekk ir-rakkont ispirat ta' Pietru dwar il-miġja ta' Kristu jikkontradixxi għal kollox id-dottrina Premillenjali.[11]

# L-ARGUMENT TA' "TEĦID MINN POST GĦALL-IEĦOR KONTRA RITORN"
## (Id-Disa' Parti)

Argument ieħor pre-tribulazzjonista huwa ibbażat fuq id-differenza bejn it-teħid tal-qaddisin fir-rapiment u r-ritorn ta' Kristu lejn l-art biex iwaqqaf is-salnta millennjali Tiegħu. Huwa argumentat lir-rapiment tal-qaddisin huwa ħtif 'il fuq fl-ajru. Iżda, ir-ritorn ta' Kristu huwa ritorn lejn l-art. Mela, billi r-rapiment u t-tieni miġja jideskrivu żewġ attivitajiet differenti ħafna (waħda hija ħtif 'il fuq waqt li l-oħra hija nżul l-isfel) dawn għandhom ikunu żewġ ġrajjiet isseparati biż-żmien. Il-Pre-tribulazzjonisti jargumentaw ukoll li demarkazzjoni ċara teżisti bejn ir-rapiment u t-tieni miġja fuq il-bażi li fir-rapiment ma jiġri ebda ġudizzju imma fit-tieni miġja hemm ġudizzju jew ħaqq. Għal darb'oħra dan huwa ssopponut biex jipprova lir-rapiment u t-tieni miġja huma żewġ ġrajjiet separati li jsiru fi żminijiet differenti (differenza ta' seba' snin).

Dawn l-argumenti Pre-tribulazzjonisti għandhom ikunu rriġettati għar-raġunijiet li ġejjin. L-idea lid-differenza bejn t-teħid minn post għall-ieħor tal-qaddisin u r-ritorn ta' Kristu tagħti prova għat-teorija tar-rapiment qabel it-tribulazzjoni hija argument li jitlob il-

mistoqsija. Fi kliem ieħor dan jassumi dak li huwa jqiegħed ħalli jipprova. *Imkien* ma naqraw dwar sekwenza ta' żmien dwar dawn il-ġrajjiet. Ma hemm ebda raġuni skritturali biex tassumi spazju ta' żmien ta' seba' snin bejn ir-rapiment u r-ritorn. Nagħtu l-passaġ-ġi li ddiskutejna fil-konsiderazzjoni tagħna dwar il-Premillenjaliżmu, it-teħid tal-qaddisin fl-ajru (ir-rapi-ment), it-tieni miġja, u l-ġudizzju ġenerali kollha jiġru fl-istess jum. Il-qaddisin jiltaqgħu ma' Kristu fl-ajru u hekk jibqgħu *għal dejjem* Miegħu (1 Tessalonikin 4: 17).

Xi ngħidu dwar l-argument li fir-rapiment ma jsir ebda ġudizzju imma fit-tieni miġja hemm ġudizzju? Kif innutajna aktar 'il fuq ma hemm ebda raġuni biblika biex tieħu ġrajjiet bħal rapiment, it-tieni miġja u l-ġudizzju li kollha għandhom jiġru *fl-istess jum* u ddaħħal bosta snin bejniethom. Dak li hu partikolarment diżastruż għal Pre-tribulazzjonisti huwa l-fatt li meta Pawlu jiddiskuti t-tieni miġja u jagħtina l-aktar passaġġ espiliċitu fit-Testment il-Ġdid fuq ir-rapiment (it-teħid fl-ajru) hu jgħaqqad l-inżul ta' Kristu kemm ma' l-hekk imsejjaħ rapiment kif ukoll mal-ġudizzju tal-ħżiena.

**1 Tessalonikin 4:13-17; 5:2-4,**

> "*Iżda ma rrridkomx ma tkunux tafu, ħuti, fuq dawk li huma reqdin fil-mewt, biex ma ssewdux qalbkom, bħal oħrajn li m'għandhomx tama. Għax jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u raġa' qam, hekk ukoll dawk li huma reqdin*

*f'Ġesù,* ***Alla jġib miegħu****. Għax dan ngħidul-kom aħna bil-kelma tal-Mulej, li aħna l-ħajjin, u li nibqgħu sal-****miġja tal-Mulej****, ma naqbżux lil dawk li jkunu raqdu. Għax* ***il-Mulej innifsu jinżel*** *b' għajta* ***mis-sema,*** *mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba ta' Alla. U l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel. Imbagħad aħna l-ħajjin, u li nkunu bqajna, ninħatfu flimkien magħhom fis-sħab.* ***U hekk inkunu dejjem mal-Mulej****…. Għax intom stess tafu sewwa li jum il-Mulej jasal bħal ħalliel bil-lejl. Għax meta jgħidu: Sliem u sigurtà; imbagħad f'daqqa waħda jiġi fuqhom it-telfien, bħall-uġigħ ta' mara fil-ħlas; u ma je-ħilsux. Iżda intom, ħuti, mintomx fid-dlam, biex dak il-jum jaqbadkom bħal ħalliel*" (enfasi tiegħi.)

Innota li Pawlu jgħaqqad it-tieni miġja, il-ħtif (ir-rapiment) u l-qirda tal-ħżiena kollha flimkien. Hu jippresentahom bħala li għandhom l-istess medda, l-istess limiti u mhux isseparati b'seba' snin. Kollox isir f'dak "il-Jum" (1 Tessalonikin 5:4)—il-jum tal-Mulej. Barra minn dan, 1 Tessalonikin 4:16 espliċitament jgħallem li l-inżul (ir-rapiment) tal-Mulej huwa ġrajja *pubblika*, mhux sigrieta:

> "*Għax il-Mulej innifsu jinżel* ***b' għajta*** *mis-sema, mal-****leħen*** *ta' l-arkanġlu, u mat-****tromba*** *ta' Alla.*" (Enfasi tiegħi.)

Oswald T. Allis jikxef din il-manjiera falza li l-Pretribulazzjonisti jagħmlu distinzjonijiet qarrieqa fit-terminoloġija ta' Pawlu li l-appostlu nnifsu qatt ma ntenzjona. Hu jikteb: "Il-mistoqsija li tikkonfrontana hija din. Jekk id-distinzjoni bejn ir-rapiment u d-dehra hija ta' mument daqshekk kbir kif isostnu d-dispensazzjonalisti, kif aħna sejrin nispjegaw in-nuqqas ta' Pawlu biex jiddistingwi ċar bejniethom? U n-nuqqas tal-kittieba l-oħra, Pietru, Ġakbu u Ġwanni, biex jagħmlu l-istess? Pawlu kien loġiku. Hu kien kapaċi li jagħmel distinzjonijiet qawwija. Li kieku ried, jew qiesha importanti, li jiddistingwi bejn dawn il-ġrajjiet, hu seta' għamel dan faċilment. Għaliex hu uża lingwa lid-Dispensazzjonalisti għandhom jammettu li tikkonfondik? Feinburg [skular magħruf Dispensazzjonalist] għamel l-istqarrija soprendenti li ġejja dwar it-tliet kelmiet li aħna qegħdin niddistkutu: 'Aħna nikkonkludu, mela, li minn studju tal-kliem Grieg innifsu, id-distinzjoni bejn il-miġja tal-Mulej għall-qaddisin Tiegħu u mal-qad-disin m'għandiex tkun ikkultivata' (*Premillennialism or Amillenialism?* p. 207). Aċċettar bħal dan iqajjem il-mistoqsija jekk id-distinzjoni nfisha hija valida. Jekk id-distinzjoni hija ta' importanza, il-lingwa ambigwa ta' Pawlu hija, aħna nistgħu ngħidu bir-rispett, mhix skużabbli. Jekk id-distinzjoni hija negliġibbli, eżattez-za ta' l-istqarrija tkun sempliċiment mhux neċessarja. Aħna nikkonkludu, għalhekk, li l-lingwa tat-Testment il-Ġdid u speċjalment ta' Pawlu mhux biss tonqos mil-li tipprova d-distinzjoni li jinsistuha d-Dispensazzjonalisti imma pjuttost permezz ta' l-ambigwità tagħha

stess tindika ċar u bla żball li ebda distinzjoni bħal din ma teżisti."[12]

## L-ARGUMENT TA'
## "EBDA SINJALI KONTRA ĦAFNA SINJALI"
## (L-Għaxar Parti)

Argument popolari tal-Pre-tribulazzjonisti hu bbażat fuq l-idea li passaġġi li jiddiskutu t-tieni miġja ta' Kristu jindikaw li ħafna sinjali jiġu qabel it-tieni miġ-ja, waqt li passaġġi li jiddiskutu r-rapiment ma jsem-mu ebda sinjali. Feinberg jikteb: "F'Mattew 24:32-51 il-Mulej tagħna jagħmilha ċara li dawn is-sinjali huma biex jallarmaw lil emmiena li l-miġja Tiegħu hija qrib: 'Hekk ukoll, meta taraw dawn il-ħwejjeġ kollha, kunu afu li qiegħed fil-qrib, fil-bieb' (Mattew 24:33). Fuq in-naħa l-oħra, ma hemm xejn imsemmi dwar xi sinjali jew ġrajjiet li jiġu qabel ir-rapiment tal-knisja f'*xi* pas-saġġ tar-Rapiment. Il-punt jidher li hu li l-emmieni qabel din il-ġrajja għandu jħares, mhux għal xi sinjal, imma għall-Mulej mis-sema. Kieku r-Rapiment kien parti mill-kumpless ta' ġrajjiet li jagħmlu t-Tieni Av-vent, u mhux distint minnu, allura aħna nistennew li jkun hemm imsemmi dwar sinjali jew ġrajjiet f'talin-qas passaġġ wieħed."[13] Fi kliem ieħor int ma tistax ikollok sinjali u ebda

sinjali fl-istess ħin. Għalhekk, ir-rapiment u t-tieni miġja għandhom jiġru fi żminjiet differenti.

L-argument ta' sinjali kontra ebda sinjali għandu jkun irriġettat għal numru ta' raġunijiet. L-ewwel, l-idea li ċerti sinjali għandhom jiġu qabel it-tieni miġja ta' Kristu hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata ta' Mattew 24. Is-sinjali ta' Mattew 24:6-33 (gwerer, ġuħ, mard, terremoti, profeti foloz, eċċ.) **huma sinjali mhux għat-tieni miġja imma dwar il-qirda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K. mill-armati ta' Titu**. Dan huwa indikat mill-kuntest (Mattew 23), il-mistoqsija tad-dixxipli (Mattew 24:3), l-indikatur taż-żmien (Mattew 24:34) u l-passaġġ parallel f'Luqa 21:20. Wara li nnota s-sinjali, Ġesù qal:

> "***Tassew ngħidilkom: Dan in-nisel ma jgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.***" (Mattew 24:34; Ara l-istudju dwar "Dan in-nisel", minn paġna 74.)

Kik jikteb: "Tħares lejn dak li hu ovvju minn din is-sentenza, wieħed jiġġudika li kull ħaġa msemmija fil-versi ta' qabel kellha tkun imwettqa qabel ma l-ġenerazzjoni kontemporanja tgħaddi. Dik hija ċertament it-tifsira evidenti, u waħda li tista' tkun meħuda bħala letterali. Il-ġenerazzjoni li kienet qed tgħid fiż-żmien ta' Kristu ma kinetx se tgħaddi qabel mal-ħwejjeġ kollha li Hu semma hemm ikunu murija."[14]

It-tieni, passaġġi li huma wżati bħala testi ta' prova għal ebda sinjali qabel ir-rapiment huma aħjar interpretati bħala li jirreferu għat-tieni miġja u mhux semp-

liċiment għar-rapiment. Passaġġ favorit għal Pre-tribu-lazzjonisti huwa 1 Tessalonikin 5:2 li jgħid,

> "*...jum il-Mulej jasal bħal ħalliel bil-lejl.*"

Il-miġja bħal ħalliel bil-lejl hija interpretata biex tfisser lir-rapiment jiġi b'mod sigriet. Jiġifieri, hu sorpriża. Ma hemm ebda sinjali li jiġu qablu. Il-problema b'veduta bħal din hija: 1) Il-frażi "jum il-Mulej" hija konsistentament użata fit-Testment il-Ġdid biex tirreferi għall-jum tal-ħaqq jew ġudizzju li jiġri fit-tieni miġja; u 2) Il-kuntest ta' 1 Tessalonikin 5:2 jindika biċ-ċar li l-jum tal-Mulej huwa jum meta l-għedewwa ta' Alla jkunu meqruda (1 Tessalonikin 5:3). Il-Kristjani jintqal lilhom ħalli jishru u jgħixu b'għajnejhom miftuħa għaliex huma jafu li l-jum tal-ħaqq ġej (1 Tessalonikin 5:6-8). L-argument ta' sinjali kontra ebda sinjali semp-liċiment m'għandu ebda appoġġ eseġetiku.

## KONKLUŻJONI

Għalkemm it-teorija ta' rapiment qabel it-tribulazzjoni hija popolari ħafna llum, bl-argumenti li huma mogħtija f'appoġġ għal din id-dottrina aħna għandna niddikjaraw bil-qawwa kollha li l-Pre-tribulazzjoniżmu huwa kuntrarju għat-tagħlim ċar ta' l-Iskrittura Mqaddsa. Ngħiduha b'mod sempliċi, ma hemm lanqas nitfa ta' evidenza li wieħed jista' jsib fil-Bibbja biex tappoġġja r-rapiment qabel it-tribulazzjoni, dak li fl-Ingliż isejħulu "Pretribulation rapture." L-argumenti tipiċi Pre-tribulazjonali offruti jirrivelaw mudell: li timponi suppożizzjonijiet minn qabel fuq test

mingħajr ebda ġustifikazzjoni eseġetika ta' xejn; li ssib tifsir sottili bejn il-kliem u/jew frażijiet li qatt ma kienu int-enzjonati mill-awtur; li tispiritwalizza jew tinjora pas-saġġi li jikkontradixxu l-paradigma (mudell) Pre-tri-bulazzjonali; u, li timponi l-Pre-tribulazzjonaliżmu fuq passaġġi li attwalment igħallmu l-għaqda tal-kumpless eskatoloġiku (jiġifieri, ir-rapiment, it-tieni miġja, qaw-mien ġenerali, u ġudizzju ġenerali kollha jiġru fl-istess jum—il-jum tal-Mulej). Hija t-tama u t-talb tagħna li l-Kristjani tat-testment il-Ġdid, il-knisja ta' Kristu, iwar-rbu għal kollox din il-fantasija u jmorru lura għax-xogħol ta' qdusija personali. Jalla l-Mulej ikompli jgħinna biex ma:

"***Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bl-ebda mod:...***" (2 Tessalonikin 2:3).

**Riferenzi:**


1. Hal Lindsey, *There's a New World Coming* (New York. NY: Bantam, 1975 [1972]), p. 60.
2. Dave MacPherson, *The Incredible cover-Up; the True Story of the Pre-Trib Rapture* (Plainfield, NJ: Logos International, 1975), p. 93. L-iskulari li ġejjin huma murija minn MacPherson li jaqblu ma' l-asserzjoni li l-pre-tribulazzjoni hija dottrina li hija għal kollox moderna li oriġinat fis-sena jew madwar is-sena 1830: Samuel P. Tregelles, Alexander Reese, Floyed E. Hamilton, Oswald T. Allis, D. H. Kromminga, George E. Ladd u J. Barton Payne. MacPherson juri wkoll bosta skulari Dispensazzjonali, pre-trib li jammettu lit-teorija pre-trib hija fil-fatt dottrina ġdida: W. E. Blackstone, H. A. Ironside, Charles C. Ryie, Gerald B. Stanton u John F. Walvoord.
3. R.C.H. Lenski, *The Interpretation of St. John's Revelation*, Minneapolis, MN: Augsburg Publishing, 1943), p. 143.

4. Għal difiża studjuża ta' din l-asserzjoni ara Kenneth L. Gentry, Jr., *Before Jerusalem Fell: Dating the Book of Revelation* (Tyler TX: Institute for Christian Economics, 1989), pp. 141-142.
5. David Chilton, *The Dawys of Vengeance: An Exposition of the Book of Revelation* (Ft. Worth, TX: Dominion, 1987), p. 129.
6. Wara li għadda numru ta' paġni janalizza r-resqan tal-pre-tribulazzjoni għall-kelma *ek* f'Riv. 3: 10 Douglas J. Moo jikteb: "1) Ix-xhieda li *ek* tista' tfisser "pożizzjoni barranija' f'sens spazjali ma teżistix fil-Grieg bibliku; 2) It-taħlita *tareo* jew *diatareo ek* turi protezzjoni minn, jew ħarsien kontra periklu reali u li jhedded….. 4) Il-frażijiet li jikkwalifikaw 'is-siegħa tat-tiġrib' ma jimplikaw totalment xejn dwar il-prezenza jew tneħħija tal-knisja. Ix-xhieda lessikali u kuntestwali bil-qawwa tiffavorixxi l-interpretazzjoni skond dik li Kristu f'Rivelazzjoni 3:10 wiegħed lill-knisja Tiegħu protezzjoni mill-periklu reali u preżenti ta' afflizzjoni meta "s-siegħa ta' tiġrib' tiġi. Għal-hekk, aħna nirriġettaw erba' tifsiriet differenti li s-soltu huma marbuta għall-frażi *tareo ek*: 'tneħ-ħija minn' (Pentecost); 'iżżomm barra minn' (Townsend, Feinberg); 'tneħħija min-nofs ta'; u 'Protezzjoni toħroġ f'apparizzjoni' (Gundry)" ("Response to the Pretribulational View" in *The Rapture: Pre-, Mid-, or Post-Tribulational* [Grand Rapids, MI: Aca-demic Books, 1984], p. 97).

7. Oswald T. Allis, *Prophecy and the church* (Phillipsburg, NJ: Presbyterian and Reformed, 1945, 47), pp. 213-214).
8. Hal Lindsey, *There's a New World Coming*, pp. 59, 61.
9. William Hendriksen, *More Than Conquerors* (Grand Rapids, MI: Baker, 1982 [1940]), p. 11.
10. E. Schuyler English, chairman of the editorial revision committee, *The New Scofield Study Bible* (Nashville, TN: Thomas Nelson, 1967 [1989]), p. 1460, footnote 1.
11. Il-Premillenjalisti naturalment juru għal rivelazzjoni 20 u jargumentaw li dan jipprova konklussivament il-Premillenjaliżmu. Lil dawn aħna nistaqsuhom: "X'jagħmel l-aktar sens bħala metodu ta' interpretazzjoni? Għandna aħna nieħdu passaġġ wieħed fi ktieb apokalittiku li huwa mimli b'simboliżmu mhux letterali, letteralment bħala kronoloġija tat-tieni miġja (u l-kumplament), ukoll għalkemm din l-interpretazzjoni *tikkontradixxi* bosta passaġġi ċari fil-vanġeli u fl-epistoli? Jew, għandna aħna ninterpretaw Rivelazzjoni 20 fid-dawl tat-tagħlim ċar li nsibu fil-bqija tat-Testment il-Ġdid?" Ovvjament aħna għandna nsegwu il-proċedura ta' l-aħħar. Rivelazzjoni 20 mhuwiex deskrizzjoni ta' ħakma letterali ta' elf sena ta' Kristu fuq l-art wara t-tieni miġja. Dan pjuttost jagħmel sommarju tal-perjodu mill-ewwel avvent ta' Kristu għat-tieni avvent. Ġesù jiġi fuq l-art u bil-mewt u l-qawmien Tiegħu jorbot lil Satana biex b'hekk l-Evanġelju jkun jista' jmur

’il quddiem għall-ġnus kollha. Kristu bħala Sultan tas-slaten u Sid tas-sidjien jaħkem fl-id il-leminija ta’ Alla. Il-qaddisin jipparteċipaw f’din il-ħakma. L-ewwel qawma mhix qawma tal-ġis-em imma tirreferi għar-riġenerazzjoni, it-twelid mill-ġdid, meta persuna tindifen ma’ Kristu fil-magħmudija (Ġwanni 5:24-25; 3:14; Rumani 6:3-5; Efesin 2:5-6; Kolossin 2:11-14). F’Rivelazz-joni 20 Ġwanni jiddeskrivi il-ħakma spiritwali tal-knisja matul il-millennju (l-elf sena jirrappre-żentaw perjodu twil ħafna ta’ żmien bejn l-ewwel avvent u t-tieni miġa ta’ Kristu, l-epoka Kristjana kollha). Il-knisja taħkem mis-sema fis-sens li l-Kristjani pożizzjonalment qegħdin fi Kristu imp-oġġija fuq it-tron Miegħu fis-smewwiet (Efesin 2:6; Rivelazzjoni 3:21). Il-knisja tirċievi l-awto-rità tagħha minn Kristu li jaħkem mis-smewiet, madankollu, l-Kristjani għandhom japplikaw il-Kelma Tiegħu għal kull qasam tal-ħajja fuq l-art. Il-Kristjani jmexxu ma’ Kristu u jaħkmu fuq id-dinja billi jippriedkaw l-Evanġelju, igħallmu u jagħmlu dixxipli mill-ġnus kollha. Biex nifhmu Rivelazzjoni 20 aħna għandna nħallu l-Iskrittura tinterpreta l-Iskrittura. Wieħed jista’ jifhem biss Rivelazzjoni 20 jekk huwa juża porzjonijiet ċari storiċi u didattiċi ta’ l-Iskrittura biex jifhem il-lingwa simbolika ta’ Ġwanni.

12. Oswald T. Allis, *Prophecy and the Church* (Phillipsburg, NJ: Presbyterian and Reformed, 1974), pp. 184-185. “Titu 2:13 spiss huwa wżat biex jappoġ-

ġja din il-veduta, imma dan mhuwiex qiegħed jitkellem dwar żewġ miġjiet ta' Kristu, imma dwar ġrajja waħda, 'it-tama mbierka, u d-dehra glorjuża t'Alla l-kbir u Salvatur tagħna Ġesù Kristu.' Din hija ġrajja waħda għaliex artiklu wieħed ('it'-) jil-ħaq iż—żewġ nomi ('tama' u 'dehra') magħqudin bl' 'u' (u hekk hu fil-Grieg oriġinali)" (W. Fred Rice, "The Not-So-Secret Rapture," fi *New Horizons* [Willow Grove, PA: The Committee on Christian Education of the Orthodox Presbyterian Church, July 1999], p. 19).

13. Paul D. Feinber, "The Case For The Pretribulation Rapture Position," in Ben Chapman ed., *The Rapture: Pre-, Mid-, or Post-Tribulational?* (Grand Rapids, MI: Academic Books, 1984), p. 80.
14. J. Marcellus Kik, *An Eschatology of Victory* (Phil-lipsburg, NJ: Presbyterian and Reformed, 1971), pp. 60-61.

## IL-BIBBJA U *DAN IN-NISEL* TA' MATTEW KAPITLU 24:34 (Il-Ħdax-il Parti)

"*Tassew ngħidilkom: Dan in-nisel ma jgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.*"

"*Dan in-nisel (ġenerazzjoni)*": It-total kollu ta' dawk imwielda fl-istess żmien imkabbra ħalli jinkludu lil dawk kollha li jgħixu f'ġenerazzjoni, kontemporanji taż-żmien mogħti" (William Arndt & F.W.Gingrich, *Greek-English Lexicon of the New Testament* (Chicago University of Chicago, 1967), p. 153-154).

Dawk li jeħtieġu li l-versi f'Mattew 24:3-34 jirreferu għall-ġrajjiet qabel it-Tieni Miġja ta' Kristu biex b'hekk it-teoriji tagħhom jidhru kredibbli, għandhom b'xi mod jikkonvinċu lin-nies li l-frażi "dan in-nisel" jew "din il-ġenerazzjoni" tirreferi għal xi ħaġa

oħra milli għall-ġenerazzjoni li kienet qed tgħix meta Ġesù qal dan il-kliem.

1. Xi wħud ippruvaw jargumentaw li l-espressjoni qed tirreferi għar-razza umana nġenerali. Imma, kif innotat "Biċ-ċar l-idea ta' razza umana ma tistax tkun miżmuma; kull deskrizzjoni tat-Tieni Miġja timplika li bnedmin ikunu madwar biex jix-hduha, għaliex jekk ħaġ'oħra din ma jkollha ebda kuntest biex jagħtiha xi sinifikat (1 Tessalonikin 4:15)" (*Hard Sayings Of Jesus, F. F. Bruce*, p. 226). B'żieda, id-definizzjoni tad-dizzjunarju tal-Grieg hija "razza kontemporanja, nies igħixu fl-istess żmien."
2. Oħrajn jargumentaw li "dan in-nisel" tirreferi għar-razza Lhudija nġenerali. Imma meta Ġesù uża din l-istess espressjoni f'kuntesti oħra, Hu kien qiegħed jirreferi għall-ġenerazzjoni li kienet qed tgħix f'dak iż-żmien, il-kontemporanji Tiegħu, per eżempju, Mattew 11:26,

   "*Imma lil **dan in-nisel** ma' min inxeb-bħu?*"

   "***Nisel** ħażin u żieni jfittex sinjal...*" (Mattew 12:39).

   "L*-irġiel ta' Ninwè għad iqumu f'jum il-ħaqq ma' **dan in-nisel**, u jikkundan-nawh....Is-sultana tan-nofsinhar tqum f'jum il-ħaqq ma' **dan in-nisel**, u tik-kundannah...*" (Mattew 12: 41-42).

L-irġiel ta' Ninwè mhux se jikkundannaw lir-razza Lhudija kollha, pjuttost, huma sejrin jikkun-dannaw il-ġenerazzjoni li semgħet lil Ġesù jitkel-lem u madankollu naqsu milli jindmu. Ara wkoll Mattew 16:4; 17:17; 23:36.

3. Xi wħud jippruvaw jargumentaw li "dan in-nisel" ma jfissirx il-ġenerazzjoni li qed tgħix issa, "imma dan in-nisel (ġenerazzjoni) li jkun ħaj fiż-żmien li dwaru jiena qiegħed nitkellem, il-ġenerazzjoni ħajja fuq l-art meta dawn il-ħwejjeġ jibdew isiru." Hal Lindsey ippopolarizza din il-veduta meta kiteb, "X'nisel? (ġenerazzjoni) Ovvjament, fil-kuntest, in-nisel li għandu jara s-sinjali—il-kbir fosthom it-twelid mill-ġdid ta' Iżrael (interessanti biżżejjed, fejn huwa dak is-sinjal f'Mattew 24?). Nisel jew ġenerazzjoni fil-Bibbja huwa xi ħaġa bħal erbgħin sena. Jekk dan huwa tnaqqis korrett, allura f'erbgħin sena jew hekk ta' 1948, dawn il-ħwejjeġ kollha jistgħu jsiru. Ħafna skulari li studjaw il-profezija tal-Bibbja ħajjithom kollha jemmnu li dan huwa minnu" (*The Late Great Planet Earth*, p. 54, 1970. *Ed.*). Mal-mogħdija taż-żmien is-Sur Lindsey ipprova jerġa' lura minn dak li kien qal fl-1970. F'artiklu fl-Eternity Magazine, li jġib id-data ta' Jannar 1977, huwa qal, "Jiena ma nemminx, per eżempju, li inti tista' tgħid li l-istat ta' Iżrael kien imwieled fl-erbatax ta' Mejju, 1948 u li eżattament minn dak iż-żmien, dan sejjer jiġri. Jiena qatt ma għamilt dan u qatt mhux se

naghħmlu. Għalhekk jiena ngħid li huwa bejn 40 u 100 sena. U ħadd ma jaf jekk 'dan in-nisel' uffiċjalment beda mat-twelid ta' Iżrael jew le" (Ikkwotat fi: *Lion And The Lamb On Planet Earth. Rodney M. Miller,* p. 296).

*4.* Ix-Xhieda ta' Jehovah għandhom it-tagħwiġa tagħhom fuq "dan in-nisel." Huma jemmnu li "dan in-nisel" beda fl-1914: "Ukoll jekk aħna nippresumu li żagħżagħ ta' 15-il sena jkunu jagħrfu biżżejjed it-tifsira ta' dak li ġara fl-1914, xorta jagħmel l-iżgħar ta' 'dan in-nisel' (jew 'din il-ġenerazzjoni') qrib 70 sena żmien illum (bħal ta' l-1968, jagħmel lil l-iżgħar 103 fl-2002. Nota opposta: Jekk dan hu tassew, mela kemm minn "dan in-nisel" ikun jista' jaħrab (Mattew 24:16), u kemm ikunu "b'tarbija"???) Għalhekk il-maġġuranza l-kbira tal-ġenerazzjoni li għaliha Ġesù kien qiegħed jirreferi diġà kienet għaddiet fil-mewt. U ftakar; Ġesù qal lit-tmiem ta' din id-dinja ħażina għandu jiġi qabel dik il-ġenerazzjoni tkun għaddiet fil-mewt. Dan, fih innifsu, igħidilna lis-snin li baqa' qabel it-tmiem imbassar ma jistgħux ikunu ħafna" (*A WAKE, Ottubru 8, 1968).*

**Punti li wieħed għandu jinnota**:

1. Jekk dan hu l-każ, allura dak li qal Ġesù hawn ma għandu ebda relevanza għan-nies li semgħuh. Mill-kuntest, katastrofu kbir kellu jiġi għall-ġenerazzjoni jew nisel preżenti fejn naqraw,

   "*Biex jiġi fuqkom id-demm....*" (Mattew 23: 35);

"*Tassew ngħidilkom, Għad jiġu dawn il-ħwejjeġ kollha fuq dan in-nisel*" (Mattew 23: 36);

"*Ara, darkom tibqagħlkom ħerba*" (Mattew 23:38).

2. Bruce jinnota, "jekk in-nisel taż-żmien tat-tmiem kien intenzjonat, '*dak* in-nisel' jew '*dik* il-ġenerazzjoni' kienet tkun mod naturali aktar li tirreferi għalih milli '*dan* in-nisel'" (pp. 226-227). Il-lingwa hija ċara, hija "**dan** in-nisel" u mhux "**dak** in-nisel" jew "**dik** il-ġenerazzjoni jew ġenerazzjonijiet fil-futur imbiegħed.

- Biex jaħarbu mill-limitu definit taż-żmien impo-nut minn Mattew 24:34, oħrajn ippruvaw biex jargumentaw li l-espressjoni "sa ma jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha", tfisser li mal-qirda ta' Ġerusalem il-ħwejjeġ f'dan il-kapitlu *bdew* li jkunu mwetqa u ma jsirux għal kollox qabel ma tasal it-Tieni Miġja ta' Kristu. Il-frażi "sa ma jseħħu" ma tistax tkun interpretata li tfisser, "jibdew biex iseħħu." Il-frażi tfisser "li jsiru, jiġru, jitwettqu." L-istess espressjoni tinsab f'Mattew 24:6 u 5:18. Il-vers ma jgħidx, "*xi wħud* minn dawn il-ħwejjeġ," imma pjuttost, "*dawn il-ħwejjeġ kollha.*" Il-kliem ta' Ġesù jeli-mina kull xorta ta' teorija ta' twettiq parzjali, bidu, jew doppju dwar versi 4 sa 33. Minn dan wieħed jista' jara u jifhem aktar għaliex l-Isk-rittura Mqaddsa hija mimlija bi twissijiet dwar profeti u għalliema foloz u biex ma nħallu lil

ħadd iqarraq bina (ara Mattew 24:24; Efesin 5:6; 2 Tessalonikin 2:3; 1 Timotju 4:1-2; eċċ.).

## ĠRAJJIET LOKALI HUMA INKONSIDERAZZJONI

**Mattew 24:16**,

> "*Imbagħad ħalli jaħarbu dawk li jkunu fil-Lhudija għall-muntanji.*"

**Mistoqsija**: Hija t-Tieni Miġja ta' Kristu illimitata għal-Lhudija biss?

**Punti li wieħed għandu jinnota:**

1. U għaliex għandu Ġesù jgħid lid-dixxipli Tiegħu biex jaħarbu mill-miġja Tiegħu? Għandhom il-Kristjani jaħarbu minn Ġesù meta Hu jerġa' jiġi? L-Ispirtu s-Santu jgħid, permezz ta' Ġwanni:

   > "*Maħbubin, issa aħna wlied Alla, u għadu ma deherx x'sa nkunu: imma nafu li, meta jidher, aħna nkunu bħalu; għax narawh kif inhu. U kull bniedem li għandu dit-tama fih għandu jissaffa, bħalma hu safi Kristu*" (1 Ġwanni 3: 2-3).

2. Ovvjament, dawn il-versi qegħdin jiddeskrivu ġudizzju fiżiku fuq il-belt ta' Ġerusalem, ġudizzju li jkun illimitat biss għal ċertu reġjun ġeografiku, u li l-ħajja fuq din l-art tkompli sejra wara li dan il-ġudizzju jkun waqa'. F'kuntrast, fit-Tieni Miġja ta' Kristu l-art tkun meqruda (2 Pietru 3:9-10), u aħna niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru biex "hekk inku-

nu Miegħu GĦAL DEJJEM" (1 Tessalonikin 4: 17).

- Diffikulta maġġura għall-pożizzjoni Premillenjali hija t-talba tal-Premillenjalisti li l-Kristjani kollha jkunu rrapinati (imneħħija mill-art b'miġ-ja sigrieta u kwieta ta' Ġesù), qabel "it-tribulaz-zjoni l-kbira. Madankollu, Mattew 24 fih struzz-jonijiet lill-Kristjani biex jaħarbu ħalli jevitaw din it-tribulazzjoni. Jekk japplikaw Mattew 24 għat-teorija tagħhom tat-Tieni Miġja, huma jko-llhom il-Kristjani li jintqal lilhom biex jaħarbu, meta skond it-teorija tagħhom stess ma jkun hemm ebda Kristjani biex jaħarbu!

***Mattew 24:19***,

> "*U jaħasra għan-nisa tqal, u għal dawk li jreddgħu f'dawk il-jiem!*"

Din ir-riferenza għal nisa tqal u ommijiet li jreddgħu hija prova li din mhijiex it-Tieni Miġja ta' Kristu. X'ikun ta' żvantaġġ li tkun tqila meta jerġa' jiġi Ġesù? Imma li tkun tqila jew li jkollok tfal żgħar ikun tfixkil serju f'li tipprova taħrab matul il-qirda ta' Ġerusalem.

***Mattew 24:20***,

> "*Itolbu li l-ħarba tagħkom ma tkunx fix-xitwa, lanqas nhar ta' Sibt.*"

Ir-riferenza għall-Jum tas-Sabbath hija prova oħra liż-"żmien" meta dawn il-versi jkunu mwettqa jkun meta ħafna jkunu għadhom qegħdin iħarsu l-Jum tas-Sibt,

sal-punt li dan ifixkel severament l-ivvjaġġar f'dak il-jum. Ukoll, il-bibien tal-belt ikunu magħluqa f'dak il-jum (ara Neħemija 13:18-21). Dan ifixkel biss il-ħarba fil-Palestina *u mhux fi bliet oħra wkoll*!

## IL-MISTOQSIJA TAD-DIXXIPLI

It-tempju mibni matul il-jiem ta' Erodi għamel impressjoni mhux ħażin fuq id-dixxipli. Naqraw f'Mattew 24:1,

> "*...u resqu lejh id-dixxipli tiegħu biex juruh il-bini tat-tempju.*"

F'Mark 13:1, naqraw.

> "*Mgħallem, ara x'ġebel kbir u x'bini kbir hawn!*"

Imbagħad naqraw f'Mattew 24:2,

> "*U qalilhom Ġesù: Tarawx dawn il-ħwejjeġ kollha? Tassew ngħidilkom: Ma titħalliex hawn ġebla fuq oħra, li ma tiġġarrafx.*"

Ġesù fisser biex jimpressjona fuq moħħhom li Hu kien qiegħed jitkellem dwar <u>it-tempju li huma kienu qegħdin jammiraw</u>. Il-versi ta' wara (Mattew 24:3-33), għandhom ikunu magħqudin mal-qirda tat-tempju li kien <u>wieqaf meta Ġesù qal dan il-kliem</u>. Għalhekk, aħna għandna nirriġettaw kull talba jew stqarrija li dawn il-versi jap-plikaw għall-qirda ta' tempju li għad irid jinbena fil-futur f'Ġerusalem. Ġesù qal,

> "*Ma titħalliex **hawn** ġebla fuq oħra, li ma tiġġarrafx.*"

Din il-profezija kienet imwettqa letteralment fis-sena 70 W.K . u magħha kienet imwettqa l-profezija ta' Danjel tas-sebgħin ġimgħa wkoll! Tant dan kien imwettaq bil-għaqal li Josephus, l-istoriku Lhudi ikkommenta hekk,

> "Ma kien baqa' xejn biex iġiegħel lil dawk li ġew hemm wara ħalli jemmnu li dak il-post qatt kien abitat."

- Hawn għandna problema oħra għall-Premillenjalisti, illi, li japplikaw dawn il-versi għat-Tieni Miġja Ta' Kristu jkun jitlob il-kostruzzjoni ta' tempju ieħor, u madankollu, *dan ma jkunx it-tempju lid-dixxipli kienu qegħdin jammiraw*!

***Mattew 24:3***,

> "*...Għidilna, meta jiġru dawn il-ħwejjeġ?*

Id-dixxipli għamlu din il-mistoqsija mhux biex ikunu jafu meta se jiġi t-tmiem tad-dinja imma dwar il-ħwejjeġ li Ġesù kien għadu kif semma, jiġifieri, il-qirda tat-tempju.

***Mattew 24:3***,

> "*...u x'ikun is-sinjal tal-miġja Tiegħek.*"

***Luqa 21:7*** naqraw,

> "*...U x'sinjal ikun hemm meta dan ikun sa jiġri?*"

Hawn tqum problema oħra għall-Premillenjalisti: Il-kelma "miġja" hawn hija "*Parousia,*" il-kelma li huma jist-

qarru li tirreferi għar-“rapiment” (miġja sigrieta u silenz-juża ta’ Ġesù għall-Kristjani biss). Biex ikunu konsis-tenti, il-Premillenjalisti u dawk kollha li jgħallmu dan it-tagħlim falz, huma għandhom jemmnu li dawn il-ġrajjiet kollha jiġru qabel ir-rapiment, imma l-premillenjaliżmu għandu l-Kristjani mneħħija minn fuq l-art qabel it-tribu-lazzjoni l-kbira u għandu r-rapiment li jiġri matul il-ħajja tal-paċi. Dawn il-versi għandhom il-Kristjani jaħarbu mit-tribulazzjoni, u dawn il-ħwejjeġ kollha jiġru matul żminijiet perikolużi.

***Mattew 24:3***,

“*...u tat-tmiem taż-żmien?*”

“Tmiem,” komplut, temma, għeluq, it-tmiem ta’ dan iż-żmien preżenti” (Arndt p. 792). “Żmien,” problema maġ-ġura li jkollok lid-dixxipli jistaqsu dwar “it-Tieni Miġja” hija li huma lanqas biss saħansitra ma huma kienu daħħ-lu f’moħħhom li Ġesù kien se jitlaq! (Ara Mattew 16:21-22; Luqa 18:31-34; 19:11; Ġwanni 14:5; 16:17-18; 20:9; Mark 16:14). Il-kelma “żmien” (interpretata wkoll “din-ja”) tista’ sempliċiment tfisser parti ta’ żmien. Għal dawn id-dixxipli, il-qirda tat-Tempju f’moħħhom tista’ tkun it-tmiem ta’ l-epoka Lhudija jew id-dinja Lhudija kif huma kienu jafuha.

## X’MHUMIEX IS-SINJALI

Tajjeb ta’ min jinnota li llum qiegħed jintqal lin-nies lit-tmiem huwa qrib minħabba “s-sinjali” li ġej-jin. U madankollu, Ġesù speċifikament qal—dawn mhumiex is-sinjali!

1. *Għalliema foloz* (Mattew 24:4-5): Josephus jikteb li l-gvernatur tal-Lhudija (Feliċ: 53-60 W.K.), poġġa għall-mewt ħafna imposturi li bdew igħidu li kienu l-Messija.

   > "U issa dawn l-imposturi u ngannaturi ipperswadew lill-folla biex jimxu wara-jhom fid-deżert u jippretendu li huma juru u jagħmlu għeġubijiet u sinjali" (*Ant. Of The Jews,* Book 20, 8, pp. 5-6).

2. *Gwerer u xnigħat ta' gwerer* (Mattew 24:6). Matul il-ħajja ta' Ġesù kien hemm paċi fl-Imperu, imma ftit wara mewtu, il-Palestina u l-Imperu esprejenzaw ġlied u ħafna irvellijiet. F'Ruma, erba' imperaturi waslu għal mewta vjolenti f'perjodu ta' 18-il xahar. Rew-wixti Lhud saru fil-ħakma ta' Klawdju (41-54 W.K. u Neruni (55-68 W.K.). Matul dawn is-snin il-Partjani kienu sors kontinwu ta' inkwiet għal Ruma.

   ***Mattew 24:6*** – "*...Iżda għad mhux it-tmiem.*" Imma kemm ta' spiss jintqal lin-nies li ħwejjeġ bħal dawn huma prova lit-tmiem huwa qrib? Għalhekk l-għażla tagħna, bħala Kristjani, hija bejn dak li jgħid Alla u dak li jgħidu huma, kif qal Ġesù f'Mattew 15:4-5, "Alla qal, ... imma intom tgħidu." Li kieku kellu jkun hawn illum Ġesù, kien igħid preċiżament l-istess kliem: "Alla qal "Iżda għad mhux it-tmiem" imma intom tgħidu "lit-tmiem wasal"!

3. *Ġuħ u theżhiż* (Mattew 24:7). "Ġuħ." Meta wieħed jaqra Atti 11:28, dan isib twettiq tal-kliem tal-Mulej. Hawn naqraw:

> "*Wieħed minnhom, jismu Agabu, kellu sinjal mill-Ispirtu, u qam iħabbar* ***li kien se jaqa' ġuħ kbir fuq l-art koll-ħa****.* ***Dan seħħ tabilħaqq*** *fi żmien l-imperatur Klawdju.*"

Hemm imniżżla erba' ġrajjiet ta' ġuħ kbir li saru bejn is-snin 41-54 W.K. u ħafna theżhiż huwa msemmi bħala li ġara qabel is-sena 70 W.K. Theżhiż jew terremot laqat lil Kreta, Smirna, Miletus, Kios, Samos, Laodikija, Hiera-polis, Kolossae, Ruma, Lhudija. Imma Ġesù jgħid li:

> "*Dawn kollha huma l-bidu tal-weġgħ-at*" (Mattew 24:8),
>
> "*Araw li ħadd ma jqarraq bikom*" (Mattew 24:4).

Għalhekk, tgħidilna l-Kelma ta' Alla, tħallu lil ħadd iqar-raq bikom **bl-ebda mod**! (2 Tessalonikin 2:3; Kolossin 2:8; Efesin 6:6; 1 Ġwanni 3:7).